Vol 34
Nru 182
Ottubru - Diċembru 2013

# L-ART Imqaddsa

RIVISTA BIBLIKA



L-Art Imqaddsa

Rivista Biblika
li toħroġ kull tliet xhur
mill-Kummissarjat tal-Art
Imqaddsa tal-Provinċja
Franġiskana Maltija

EDITUR:
P. Twanny Chircop OFM
Kummissarju
tal-Art Imqaddsa

BORD EDITORJAL:
P. Marcello Ghirlando OFM
P. Noel Muscat OFM
Mr. Louis Casha

DISTRIBUZZJONI:
Fra. Lorrie Zerafa OFM

ABBONAMENT:
€10 fis-sena
€15 jew aktar Sostenitur

Kummissarjat
tal-Art Imqaddsa
8, Triq Santa Luċija,
Valletta, VLT 1213
Malta.
Tel: 2124 2254

DISINN U STAMPAR:
Best Print Co. Ltd

Il-Materjal kollu li jidher
f'din ir-Rivista
huwa Copyright ©
tal-Kummissarjat tal-Art
Imqaddsa u l-Edizzjoni
TAU, 2013

comalt@ofm.org.mt
www.ofm.org.mt

Qoxra Quddiem:
*Ċenaklu: Is-Sala ta' fuq*

# Werrej



6



16



21



25


6 Storja tal-Franġiskani fl-Art Imqaddsa: Iċ-Ċenaklu u t-Twelid tal-Kustodja tal-Art Imqaddsa

16 Id-Djakni fil-Knisja …Sejħa għad-Djakonija

21 Iż-Żewġ Dimensjonijiet tal-Patt

25 Ir-Riferenzi Bibliċi fl-Enċiklika "Lumen Fidei" (1)

37 Ġużeppi, ir-Raġel ġust ta' Marija ta' Nazaret

43 Tel Arad




37

# Editorjal

ta' Patri Twanny Chircop ofm



## Kungress tal-Kummissarji

Bejn l-20 u s-26 ta' Ottubru, il-Kummissarji tal-Art Imqaddsa tal-Italja, Polonja, Slovakkja, Slovenja, Kroazja u Malta ltaqgħu fid-Dar tal-Irtiri Porziuncola, Baħar iċ-Ċagħaq għall-Kungress li jagħmlu kull sena. Il-fatt li din id-darba għażlu li jiltaqgħu Malta kien marbut mat-tema tas-sena tal-fidi u mal-importanza tax-xandir tal-Evanġelju li wettaq San Pawl. Bħala kelliem ewlieni waqt dan il-Kungress ġie Patri Alfio Marcello Buscemi ofm, Professur tal-Iskrittura fl-iStudum Biblicum Franciscanum ta' Ġerusalemm, u espert dwar l-Ittri ta' San Pawl.

L-iskop ta' din il-laqgħa jkun biex il-Kummissarji jiddiskutu flimkien il-ħidma tagħhom ta' animazzjoni tal-pellegrinaġġi u propaganda favur il-missjoni tal-Art Imqaddsa. Matul dawn l-aħħar snin żdiedu sewwa n-numru ta' pellegrini u turisti li jżuru l-Art Imqaddsa. Sfortunatament ħafna minnhom iżuru s-Santwarji tal-Fidwa mingħajr l-għajnuna esperta tal-Patrijiet Franġiskani li huma l-Kustodji tagħhom. Dan iwassal biex ħafna persuni jmorru l-Art Imqaddsa mingħajr ma jkunu jafu xejn dwar il-preżenza u l-ħidma tal-Franġiskani f'din il-missjoni. Il-fatt li n-numru ta' patrijiet naqas u diversi provinċji tal-Ordni Franġiskan lanqas fadlilhom Kummissarju tal-Art Imqaddsa inkarigat minn din il-ħidma, iwassal għal dan in-nuqqas serju.

Filwaqt li antikament kienu biss il-Franġiskani li jġibu l-pellegrini fl-Art

*...editorjal*

*Kungress tal-Kummissarji*



Imqaddsa, l-aktar fil-Case Nove tal-Kustodja, illum il-ġurnata din il-ħidma saret waħda kummerċjali, fejn diversi aġenziji tal-ivjaġġar iġibu pellegrini u turisti bi skop ta' qligħ u mhux bl-iskop ewlieni tax-xandir tal-Evanġelju li hu l-iskop tal-pellegrinaġġi Franġiskani. Hu għaldaqstant importanti li l-Franġiskani jsaħħu l-ħidma tagħhom favur l-evanġelizzazzjoni tal-pellegrini, biex kemm jista' jkun dawk li jżuru l-Art Imqaddsa jiksbu ġid spiritwali mill-vjaġġ tagħhom.

Diversi Kummissarjati llum qegħdin jaħdmu fuq linji aktar professjonali, bl-għajnuna ta' lajċi u ta' mezzi ta' komunikazzjoni. L-istess Kustodja tal-Art Imqaddsa f'dawn l-aħħar snin investiet fit-tiġdid tar-rivisti tagħha fil-lingwi prinċipali, fit-twaqqif ta' ċentru editorjali f'Milan, fis-sit tal-Internet li hu magħmul b'mod tassew professjonali, u fil-Franciscan Multimedia Centre u l-Christian Information Centre ta' Ġerusalemm. Dan għaliex illum kulħadd jaqbel li hemm bżonn li nikkompetu ma' min għandu skopijiet differenti minn tagħna. Kulħadd għandu dritt li jiżviluppa l-kapaċitajiet tiegħu u fid-dinja tal-lum ma tistax teskludi l-kompetizzjoni. Għal din ir-raġuni trid toffri prodott li hu tajjeb u li jiġi apprezzat mhux biss għall-propaganda li tagħtih imma għall-kwalità ta' informazzjoni li joffri. Dan id-dmir il-Kummissarji jifhmuh dejjem aktar u għalhekk jippruvaw jaraw kif jutilizzaw mezzi u metodi li jistgħu jwasslu għal dan l-għan.

Fil-Kungress il-Kummissarji kellhom naturalment l-okkażjoni li jżuru diversi siti arkeoloġiċi u storiċi f'Malta u Għawdex, imma fuq kollox kellhom l-opportunità li japprofondixxu l-għarfien tagħhom dwar il-figura ta' San Pawl u r-rabta tiegħu ma' Malta. Ġew organizzati żjajjar speċjali fil-postijiet għeżież li jfakkru l-miġja tal-Appostlu tal-ġnus fostna, jiġifieri l-post tradizzjonali tan-Nawfraġju tal-Appostlu fuq il-gżira ta' Selmunett u l-Grotta ta' San Pawl fir-Rabat. Barra li saru ċelebrazzjonijiet partikulari f'dawn il-postijiet il-Kummissarji kellhom ix-xorti li jisimgħu konferenzi minn Patri Buscemi, li l-għarfien tiegħu dwar San Pawl jagħmlu wieħed mill-aktar esperti fil-kamp bibliku f'dan il-qasam.

L-għarfien tar-rabta ta' diversi postijiet mal-Bibbja hu wkoll importanti biex wieħed iwessa' l-kunċett ta' Art Imqaddsa li soltu għandna. Matul dawn l-aħħar snin il-Kummissarji ltaqgħu f'diversi pajjiżi li wkoll għandhom rabta intima mal-Bibbja, u li għalhekk huma wkoll Art Imqaddsa. Dawn jinkludu l-Libanu, is-Sirja, il-Ġordanja, l-Eġittu, it-Turkija, Ċipru, Rodi, il-Greċja u Malta. L-iskop ta' dawn il-kuntatti ma' postijiet diversi hu li l-Kummissarji jaslu wkoll biex iwessgħu l-kunċett ta' pellegrinaġġ għall-Art Imqaddsa biex jinkludi wkoll xi wieħed minn dawn il-pajjiżi, u biex ma jibqax biss marbut mal-Art Imqaddsa fis-sens klassiku, jiġifieri l-Galilija, Samarija u l-Lhudija, li huma soltu l-oġġett ta' bosta pellegrinaġġi.

F'kull sforz biex issir magħrufa aħjar l-Art Imqaddsa u dak li għandha x'toffri għall-pellegrini l-Kummissarji jintebħu li għandhom responsabilità kbira. Il-kuxjenza li l-Art Imqaddsa hi, qabel xejn, missjoni tal-Knisja fdata f'idejna l-Franġiskani trid tidħol dejjem aktar fil-mentalità tal-patrijiet Franġiskani u ta' dawk kollha li għandhom għal qalbhom din il-missjoni. Inkella hemm il-periklu li l-Art Imqaddsa ssir biss destinazzjoni oħra fost mijiet oħrajn li jiġu rreklamati mill-aġenziji tal-ivjaġġar. Dan diġà qed jiġri. L-Istat ta' Israel qed jikkalkula li ftit snin oħra jrid iwassal in-numru ta' viżitaturi f'Israel għal 5 miljuni fis-sena. Dan ifisser boom ekonomiku għal Israel imma jfisser ukoll problema kbira għall-ħarsien tas-Santwarji tal-Fidwa bħala postijiet qaddisa ta' talb u evanġelizzazzjoni.

Illum il-ġurnata saret urġenti din il-problema biex kemm jista' jkun is-Santwarji tal-Fidwa, għalkemm iridu jibqgħu miftuħin għal kulħadd, ma jsirux biss mużewijiet u ċentri ta' attrazzjoni turistika. Il-patrijiet li jaħdmu fl-Art Imqaddsa, u l-aktar dawk li jgħixu fis-Santwarji bħal Betleħem, Nazaret, il-Qabar ta' Kristu, il-Ġetsemani u t-Tabor, biex insemmi l-aktar importanti, għandhom bżonn l-appoġġ tal-insara u ta' ħuthom il-Kummissarji tal-Art Imqaddsa biex il-pellegrini jkunu jistgħu jiġu jitolbu mingħajr xkiel u indħil mhux opportun minn min għandu biss skopijiet ta' qligħ ekonomiku, inklużi l-Ministeri tat-Turiżmu tal-Istat ta' Israel u tal-Awtorità Palestinjana. Hu għaldaqstant importanti li l-Kummissarji jkunu imħejjija b'mod professjonali għall-ħidma tagħhom. Laqgħat bħal din ta' Malta huma mumenti fundamentali fil-formazzjoni ta' kuxjenza favur l-Art Imqaddsa li tirrispetta l-karattru uniku ta' din l-Art li tatna l-Feddej.

***Il-Bord Editorjal jawgura Milied Qaddis u s-Sena t-Tajba lill-qarrejja kollha***



# STORJA TAL-FRANĠISKANI FL-ART IMQADDSA: IĊ-ĊENAKLU U T-TWELID TAL-KUSTODJA TAL-ART IMQADDSA

*Noel Muscat ofm*

Iċ-Ċenaklu u l-proprjetà ta' madwaru rajna li nxtara fl-1335 bil-ħila ta' fra Roger Guérin megħjun bis-sħiħ min-nobbildonna Margherita ta' Sqallija. L-att tax-xiri kien possibbli wara trattattivi ibsin mal-awtoritajiet Musulmani li kienu jaħkmu Ġerusalemm, u protagonist f'dawn it-trattattivi kien Melek en-Naser Mohammed, Sultan tal-Eġittu (1310-1341), li



*Disinn taċ-Ċenaklu minn wara*

l-kronista tal-Kruċjati, l-isqof Jacques de Vitry, isejjaħlu *Christianos diligens* (iħobb lill-insara). Min-naħa Kristjana l-protagonisti li daħlu fi trattattiva uffiċjali mas-Sultan kienu wkoll rjali, jiġifieri r-Re Roberto d'Anjou u martu r-Reġina Sancia ta' Majorca, li kienu r-rjali ta' Napli u Sqallija (*Regno delle Due Sicilie*). Dawn kienu l-akbar benefatturi tal-Franġiskani tal-Art Imqaddsa, u huma meqjusa bħala strumentali biex għenu lill-Franġiskani jiksbu għall-Kristjanità l-Postijiet Qaddisa tal-Fidwa.

## Roberto d'Anjou u Sancia ta' Majorca jixtru ċ-Ċenaklu

Roberto, magħruf bħala *Savio* (Għaref), Re ta' Napli u ta' Ġerusalemm, Konti t'Anjou u ta' Provence (1309-1343), kien it-tielet iben ta' Karlu II u Maria, bint Stiefnu V tal-Ungerija. Hu akkwista t-tron tar-Regno delle Due Sicilie wara li ħuh il-kbir, Carlo Martello, li kien pretendent għat-tron tal-Ungerija, miet fl-1295, u ħuh l-ieħor, Ludoviku, ċaħad it-tron u daħal mal-patrijiet Minuri u sar Isqof ta' Toulouse. Dan miet fl-1297 u fl-1317 il-Papa Ġwann XXII iddikjarah qaddis. Fl-1309 Roberto żżewweġ fit-tieni żwieġ lil Sancia, bint Jaime I, Re ta' Majorca. Din il-koppja rjali kellha mħabba speċjali lejn il-patrijiet Minuri, u t-tnejn li huma riedu jmutu bħala membri tat-Terz Ordni Franġiskan u ġew midfunin fil-knisja ta' Santa Chiara f'Napli, Roberto f'sarkofagu fuq l-altar maġġur u Sancia taħt l-altar. Wara l-mewt ta' Roberto (20 ta' Jannar 1343) Sancia daħlet mas-Sorijiet Klarissi tal-Monasteru


*Faċċata taċ-Ċenaklu*

ta' Santa Croce f'Napli, imma mietet ftit wara fit-28 ta' Lulju 1345. Il-knisja monumentali u monasteru ta' Santa Chiara f'Napli, illum taħt il-kura tal-Patrijiet Minuri, inbnew minn Roberto u Sancia fl-1310.

Il-*Kronaka tal-XXIV Ministri Ġenerali*, li titkellem fit-tul dwar Roberto u Sancia, ma tagħtiniex ħjiel dwar kif huma għenu biex jixtru definitivament iċ-Ċenaklu u biex il-Franġiskani jistabilixxu ruħhom fuq l-Għolja ta' Sijon b'mod stabbli. Id-dettalji nafuhom pjuttost mill-Bulla *Gratias agimus* tal-Papa Klement VI (1342), minn xi testi ta' xhieda kontemporanji, bħalma kien Sudheim, mill-ittri ta' Giovanna I ta' Napli, u minn xi firmani li s-Sultan en-Naser Mohammed ippubblika favur il-Franġiskani li kienu stabilixxew ruħhom fiċ-Ċenaklu.

Sfortunatament ma waslux f'idejna l-atti uffiċjali tax-xiri u l-ftehim bejn Roberto u s-Sultan tal-Eġittu, dwar il-permess biex il-Franġiskani jidħlu fil-pussess tal-Postijiet Qaddisa. Dawn l-atti jew konvenzjonijiet kienu għadhom jeżistu fl-1427 fl-arkivju tal-Franġiskani f'Ġerusalemm, skont kodiċi (Cod. Lat. 558) ikkonservat fl-Arkivju Sigriet tal-Vatikan. Dan il-kodiċi nkiteb minn patri Franġiskan Ġermaniż anonimu, li kien żar l-Art Imqaddsa, u li jsemmi espliċitament kemm li saru trattattivi bejn Roberto d'Anjou u s-Sultan tal-Eġittu, kif ukoll li xhieda ta' dan tinsab fil-Bulli ta' Klement VI li huma meqjusa bħala d-dikjarazzjoni ekkleżjastika tal-fundazzjoni tal-Kustodja tal-Art Imqaddsa (1342). Dan ix-xhud jikteb:

"Ġerusalemm hi belt qaddisa, li hi l-veru wirt tal-Kattoliċi u

l-fidili ta' Kristu ... Meta jiena mort biex inżur il-postijiet qaddisa ma' żewġ konsli, bil-qaddejja u n-nisa tagħhom, kif ukoll ma' xi pellegrini devoti u xi nisa foqra minn diversi nazzjonijiet, waqt li konna ngħixu hemmhekk fi ħtieġa kbira rajna kif hemm diversi reliġjużi tal-Ordni ta' San Franġisk li jissejħu *Minuri*, ġejjin minn diversi nazzjonijiet u ilsna, li ad unur tal-Mulej tagħna Ġesù Kristu u tal-Kurja kollha tas-sema, f'dawk il-postijiet qaddisa jiċċelebraw it-tifħir divin, u lill-pellegrini jgħallmuhom, ifarrġuhom u jkattrulhom il-fidi, hekk li huma jgħixu hemmhekk għall-ġieħ tar-reliġjon Kristjana kollha kemm hi. Huma jgħixu f'dan il-post wara li saru diversi ftehim u konvenzjonijiet bejn ir-Re Kristjanissimu, ta' tifkira hienja, Roberto, u s-Sultan, kif ukoll permezz tal-Prinċipessa Serenissima ta' Aragona, ir-Reġina (Sancia), li bil-flus tagħhom u spejjeż kbar xtraw mingħand is-Sultan u għaddew lill-Patrijiet li semmejna l-*Għolja ta' Sijon, u l-Qabar ta' Kristu u l-Knisja ta' Betleħem*, eżattament kif inhu indikat b'mod sħiħ fil-Bulli apostoliċi u l-atti tal-ftehim."

Kemm kienet eżattament is-somma li ħallas Roberto d'Anjou lis-Sultan en-Naser Mohammed biex xtara b'mod definittiv iċ-Ċenaklu? Il-Bulli ta' Klement VI, li dwarhom nitkellmu aktar tard, ma jispeċifikawx is-somma, imma jgħidu biss "b'ħafna taħbit u xogħol iebes". Imma hemm xi xhieda tardivi li jitkellmu dwar ċifri. L-anonimu Minorita Ġermaniż li semmejna jitkellem minn 20 elf dukat, imma fil-fatt hu qed jirreferi għall-Qabar ta' Kristu. It-tieni xhud hu d-Dumnikan Felice Fabri li żar l-Art Imqaddsa fl-1480-83. Hu jitkellem minn 32 elf dukat tad-deheb li r-Re ta' Napli kien ta lis-Sultan fil-Kajr biex jifdi s-Santwarji kollha, jiġifieri l-Qabar ta'

*Paġni mid-djarju tal-vjaġġ fl-Art Imqaddsa ta' Ludolf von Sudheim*





*Il-Kjostru Franġiskan Medjevali*

Kristu, iċ-Ċenaklu, il-Qabar tal-Verġni Marija, u l-Grotta tan-Nattività f'Betleħem. Dawn ix-xhieda, għalkemm ma jaqblux dwar l-ammont ta' dukati li ħallas ir-Re Roberto, jaqblu fil-fatt li huma kisbu l-informazzjoni minn fomm il-patrijiet Franġiskani li raw f'Ġerusalemm.

X'kien ifisser konkretament il-ġest tar-rjali ta' Napli? Ix-xiri ta' dawn is-Santwarji prinċipali kien ifisser li huma kellhom id-dritt tal-*ius patronatus* (ġuspatronat) perpetwu fuq dawn il-Postijiet Qaddisa li akkwistaw, u li kien jobbligahom li jmantnu għal dejjem komunità ta' tnax-il patri Minuri tal-Ordni ta' San Franġisk biex ikunu għas-servizz ta' dawn l-istess Postijiet Qaddisa. Id-dritt tal-ġuspatronat fil-medjuevu kien jinkludi wkoll xi drittijiet ta' proprjetà, barra mill-privileġġi konċessi mil-liġi kanonika a favur ta' min igawdi l-patronat (dritt li jkollu sehem fin-nomina ta' rettur ta' knisja, dritt li jirċievi rikavati minn benefiċċi konċessi mal-ġuspatronat, dritt li l-istemma tal-familja tiegħu titpoġġa fuq il-bini sagru li tiegħu kellu l-ġuspatronat). Dan id-dritt kellu miegħu ukoll xi obbligi. Nafu, per eżempju, li almenu sal-1684 il-familja rjali ta' Napli kellha l-obbligu li tħallas elf dukat fis-sena għall-manteniment tal-Postijiet Qaddisa. Ludolph ta' Sudheim fl-1336, proprju fl-istess żmien tax-xiri, jagħti xhieda li r-Re u r-Reġina ta' Napli kienu ntrabtu li jmantnu lill-patrijiet fl-Art Imqaddsa, għaliex "dawn il-patrijiet Minuri foqra ma jirċievu xejn għall-għajxien għajr il-karità tal-Insara u speċjalment il-manteniment li jgħaddulhom ir-Re Roberto u r-Reġina (Sancia)."

Patri Francesco Suriano, li kien missjunarju fl-Orjent mill-1480, u darbtejn superjur tal-Art Imqaddsa (1493-95 u 1512-15) isemmi b'mod espliċitu li Roberto u Sancia kienu jmantnu tnax-il patri residenti fuq l-Għolja ta' Sijon għal valur ta' elf dukat fis-sena, biex dawn il-Franġiskani jaqdu l-obbligi li jiċċelebraw l-uffiċċji divini

fil-Qabar ta' Kristu. Fl-1526 l-Imperatur Karlu V ikkonferma l-għotja tal-predeċessuri tiegħu favur il-missjoni tal-Art Imqaddsa. Kienu bosta r-rejiet Ewropej li ntrabtu li jgħinu lill-Franġiskani tal-Art Imqaddsa matul is-sekli, l-aktar fis-sekli 16 u 17. F'lista ta' għotjiet (1573) jiġu reġistrati dawn l-offerti mir-rjali tal-Ewropa: il-kuruna ta' Spanja flimkien mar-Renju ta' Napli 1000 dukat; ir-Re ta' Franza 600 dukat; l-Imperatur 500 dukat; ir-Re tal-Portugal 300 dukat; ir-Repubblika ta' Venezia 316 dukat; is-Sagru Kulleġġ Kardinalizju 200 dukat; l-Ordni tal-Kavallieri ta' Malta 100 dukat. F'dak iż-żmien il-Kavallieri kienu ilhom residenti f'Malta mill-1530 u dan ifisser li kienu jibagħtu din l-għotja kull sena lejn l-Art Imqaddsa, li huma qatt ma nsewha bħala l-post li fiha twieled l-Ordni tagħhom.

Il-benefatturi benemeriti tal-Franġiskani fl-Art Imqaddsa, Roberto d'Anjou u Sancia ta' Majorca, baqgħu dejjem fit-tifkira tal-patrijiet tal-Kustodja. L-iStatuti tal-Kustodja tal-Art Imqaddsa tal-1 ta' Awwissu 1377 jinkludu dawn iż-żewġ artikli:

Art. 10: "L-ebda persuna, hi x'inhi l-kundizzjoni tagħha, ma għandha tiddaħħal biex torqod fil-kunvent tal-Għolja ta' Sijon, jekk ma tkunx Prinċep, jew persuna li tkun mibgħuta speċjalment mill-Papa, mir-Reġina ta' Sqallija, jew mill-Ministru Ġenerał."

Art. 14: "Kull nhar ta' Tnejn il-patrijiet huma obbligati li għal dejjem jiċċelebraw is-sagrifiċċju tal-Quddiesa għall-benefatturi, speċjalment għall-erwieħ ta' Roberto u Sancia, rjali ta' Sqallija, li bl-għotjiet ġenerużi tagħhom seta' jinkiseb dan il-post."

## Ir-Reġina Giovanna I ta' Napli tiddefendi d-drittijiet tal-Franġiskani

Is-Sultan Melek en-Naser Mohammed, ħabib tar-Re Roberto, miet fl-1341. Wara diversi problemi dinastiċi sar Sultan tal-Eġittu Melek el-Axraf Zejn ed-din Xjaban. Din is-sitwazzjoni wasslet għall-ħtieġa li l-Franġiskani jerġgħu jitolbu li jiġu kkonfermati d-drittijiet tagħhom.

Fit-22 ta' Mejju 1363, ir-Reġina Giovanna I ta' Napli, neputija ta' Roberto d'Anjou, li fis-16 ta' Mejju 1363 kienet iżżewġet lil Jaime III ta' Majorca, u hekk għaqqdet il-kuruna ta' Napli ma' dik ta' Aragona, bagħtet ittri lis-Sultan Melek el-Axraf li fihom talbitu jikkonferma d-drittijiet li l-Franġiskani kienu jgawdu fuq il-Postijiet Qaddisa. Barra dan ir-Reġina talbet lis-Sultan id-dritt li l-Franġiskani setgħu jibnu kunvent fuq l-Għar tal-Appostli, maġenb il-Qabar tal-Verġni Marija fil-Wied ta' Ġosafat, imma din it-talba baqgħet ma saritx realtà.

"Lis-Sinjur eċċellenti s-Sultan ta' Babilonja maħbub fi Kristu: Giovanna, għall-grazzja ta' Alla Reġina ta' Ġerusalemm u ta' Sqallija, tad-Dukat tal-Puglia, u tal-Prinċipat ta' Capua u Forcalquier, kif ukoll Kontessa


*Reġina Giovanna ta' Napli*

ta' Piemonte, tixtieqlek saħħa fi Kristu u karità fil-Mulej.

Għadna niftakru kif l-eċċellenti Sultan predeċessur tiegħek, kien juri benevolenza u mħabba speċjali lejn is-Sinjur Sultan Roberto, ziju tagħna. Niftakru kif, fost il-Prinċpijiet l-oħrajn fid-dinja, kien juri lejh simpatija speċjali, u għat-talba tiegħu għoġbu jikkonċedilu b'mod favorevoli u b'libertà sħiħa, b'kortesija kbira, il-Qabar tal-Mulej tagħna Ġesù Kristu, u l-post tal-Għolja ta' Sijon biex fih jgħixu l-patrijiet Minuri, postijiet li kien talabhom l-istess Sinjur ir-Re Roberto, qaddej ta' Alla u tiegħek, Sinjur. Għaldaqstant aħna, bil-fiduċja kollha nersqu lejn l-eċċellenza tiegħek, u nitolbuk b'mod kordjali, biex għall-konsolazzjoni tal-imsemmijin patrijiet u għall-kumdità tagħhom, biex ikunu jistgħu jibqgħu jgħixu f'dawn il-postijiet li semmejna għall-qadi ta' Alla u għall-paċi ta' ruħhom, inti jogħġbok li tikkonċedilhom, fuq din it-talba li qed inressqulek bil-miktub, u li nixtiequ li inti tweġibha b'mod grat, li dawn il-patrijiet ikunu jistgħu jibqgħu f'dawn il-postijiet bis-sigurtà kollha, jiġifieri: li dawn il-patrijiet ikunu jistgħu jgħixu fil-post tal-Qabar tal-Mulej, fuq l-Għolja ta' Sijon, u li jirċievu mingħandek il-konferma ġdida tal-permess biex jgħixu hemmhekk, u li jkunu jistgħu jħarsu dawn is-Santwarji mingħajr l-ebda indħil minn ħadd. Huma wkoll ikunu jistgħu jibnu kunvent għalihom fuq l-Għar li jinsab maġenb il-Knisja tal-Qabar tal-Verġni Mqaddsa, u li fl-istess knisja tal-Qabar (tal-Verġni Mqaddsa) jkunu jistgħu jidħlu liberament biex jitolbu, u jixegħlu l-imsiebaħ kif jogħġob

lilhom, kif diġà jagħmlu f'Betleħem..."

Din l-ittra hi importanti għax turina kif, fl-1363, il-patrijiet Franġiskani kienu diġà stabiliti sew kemm fil-Qabar ta' Kristu, fiċ-Ċenaklu, fil-Qabar tal-Verġni Marija, u fil-Grotta tan-Natività f'Betleħem (fejn nafu li kienu ilhom b'mod stabbli mill-1347).

## Il-fundazzjoni tal-Kustodja tal-Art Imqaddsa

L-istoriċi normalment jiddikjaraw li l-Kustodja tal-Art Imqaddsa twaqqfet uffiċjalment mill-Papa Klement VI nhar il-21 ta' Novembru 1342, permezz ta' żewġ Bulli Pontifiċji mibgħutin minn Avignon, *Gratias agimus* u *Nuper carissimae*. Għalkemm dan ċertament hu veru mil-lat storiku, hu għaldaqstant veru li l-patrijiet kienu ilhom jgħixu fuq l-Għolja ta' Sijon almenu mill-1337, u li l-atti tax-xiri tal-proprjetà, kif rajna, jmorru lura għall-1335.

Il-Bulli Pontifiċji li semmejna jipprovdu l-bażi ġuridika tad-drittijiet li l-Kattoliċità għandha fuq il-Postijiet Qaddisa in ġenerali u fuq iċ-Ċenaklu b'mod partikulari. Il-Bulli ġew ippubblikati għall-ewwel darba mill-istoriku Franġiskan Luke Wadding, *Annales Minorum*, an. 1342, n. 17. Il-pergamena tal-Bulla *Gratias agimus*, li llum hi mħarsa fl-Arkivju tal-Kustodja f'Ġerusalemm, ġiet awtentikata min-nutar pubbliku f'Napli fit-22 ta' Marzu 1363 permezz ta' att pubbliku li jġib is-siġill tar-Reġina Giovanna I ta' Napli, fuq talba ta' Patri Bernardino da Padova, li kien dak iż-żmien Gwardjan f'Betleħem. Imma din mhijiex il-Bulla oriġinali, li hi mitlufa.

Dan hu t-test tal-Bulla Gratias agimus (21 ta' Novembru 1342):

"Klement, isqof, qaddej tal-qaddejja ta' Alla, lil uliedu maħbubin il-Ministru Ġeneral u l-Ministru ta' Terra di Lavoro (Napli), li fiha jaħdem l-Ordni tal-Patrijiet Minuri, saħħa u Barka Apostolika.

Inroddu ħajr (*Gratias agimus*) lil Dak li jqassam il-ġid kollu, u noffrulu tifħir xieraq, talli qajjem tant ħeġġa ta' devozzjoni u fidi f'uliedna maħbubin fi Kristu, ir-Re Roberto u Sancia, Reġina ta' Sqallija, li huma illustri billi jqimu l-Feddej u l-Mulej tagħna Ġesù Kristu, u ma jieqfu qatt jaħdmu b'imħabba bla heda għat-tifħir u l-glorja ta' Alla, kif ukoll għall-venerazzjoni u l-ġieħ tal-Qabar Imqaddes tal-Mulej u tal-Postijiet Qaddisa l-oħrajn li jinsabu 'l hemm mill-baħar (Oltremare).

Ftit żmien ilu waslet l-aħbar sabiħa mir-Re u r-Reġina quddiem is-Sede Apostolika tagħna, li tarrfitilna li wara spejjeż kbar u trattattivi diffiċli, huma akkwistaw konċessjoni mis-Sultan ta' Babilonja (jiġifieri tal-Kajr), li b'misthija kbira tal-Kristjani jokkupa l-Qabar Imqaddes tal-Mulej u l-Postijiet Qaddisa l-oħra li jinsabu 'l hemm mill-baħar u li ġew imqaddsin mid-demm tal-istess Feddej, il-privileġġ li l-patrijiet tal-Ordni tagħkom jistgħu jgħixu kontinwament fil-knisja magħrufa bħala s-Sepulkru u hemmhekk jiċċelebraw il-Quddies kantat solenni u l-Uffiċċju Divin skont kif diġà jagħmlu diversi patrijiet ta' dan l-Ordni li huma preżenti f'dan il-post. Fuq kollox dan l-istess Sultan ikkonċeda wkoll lir-Re u lir-Reġina ċ-Ċenaklu tal-Mulej, il-kappella fejn l-Ispirtu s-Santu wera ruħu lill-Appostli u l-kappella l-oħra li fiha Kristu deher lill-Appostli wara l-qawmien tiegħu mill-mewt, fil-preżenza ta' San Tumas. Irċevejna wkoll l-aħbar dwar kif ir-Reġina bniet kunvent fuq l-Għolja ta' Sijon fejn, kif nafu, jinsabu ċ-Ċenaklu u l-kappelli l-oħrajn li semmejna; f'dan il-post fl-istess ħin hi għandha l-intenzjoni li żżomm tnax-il patri mill-Ordni tagħkom biex jiżguraw il-Liturġija divina fil-knisja tal-Qabar ta' Kristu, flimkien ma' tlett irġiel sekulari li jaqdu lill-patrijiet u jieħdu ħsieb il-bżonnijiet tagħhom.

Għal dan l-iskop, l-isemmija Reġina, biex twettaq id-



*Qabar ta' David*

devozzjoni twajba tagħha u dik tar-Re, umilment talbitna biex nindaħlu bl-awtorità Apostolika tagħna biex nipprovdu għall-bżonnijiet ta' dawn l-istess Postijiet Qaddisa billi nibagħtu hemm patrijiet devoti u qaddejja kkwalifikati skont in-numru indikat aktar 'il fuq.

Aħna, għaldaqstant, filwaqt li napprovaw il-proposta twajba u ta' min ifaħħarha tal-imsemmijin Re u Reġina, u l-intenzjoni devota tagħhom li jistħoqqilha l-barka divina, u filwaqt li rridu niffavorixxu u ninkuraġġixxu x-xewqat tagħhom, b'din (il-Bulla) preżenti nikkonċedu lilkom u lil kull wieħed minnkom il-qawwa sħiħa u ħielsa li, issa u fil-ġejjieni, issejħu fil-preżenza tagħkom u bl-awtorità apostolika u bit-talba tal-imsemmijin Re u Reġina u s-suċċessuri tagħhom, u wara li tkunu tajtu widen għall-parir tal-kunsillieri tal-Ordni tagħkom, patrijiet kapaċi u li jistħoqqilhom meħudin mill-Ordni kollu skont in-numru indikat.

Filwaqt, imbagħad, li tqisu l-importanza ta' din il-ħaġa, għandkom tagħtu attenzjoni xierqa lil dawk il-patrijiet li jiġu destinati għas-servizz ta' Alla fil-Qabar ta' Kristu, kif ukoll fiċ-Ċenaklu Mqaddes u fil-kappelli li semmejna aktar 'il fuq. Dan għandkom tagħmluh wara li tistaqsu lill-Ministru Provinċjal tagħhom u tal-Ordni tagħkom rigward il-kapaċitajiet ta' dawk il-patrijiet li huma magħżulin u temporanjament destinati għal dawk ir-reġjuni 'l hemm mill-baħar u, fil-każ li xi ħadd minnhom ikun assenti, kull darba li tippreżenta ruħha din l-okkażjoni, li tagħtu permess li jintbagħtu patrijiet oħrajn biex jieħdu post dawk li ma jkunux preżenti u li jgħixu f'dawk ir-reġjuni.

Flimkien ma' dan, nagħtukom ukoll il-fakultà li, f'każ li l-patrijiet jiċħdu li jaċċettaw, intom tkunu tistgħu tobbligawhom biex jobdu, wara li twissuhom permezz tal-użu taċ-ċensuri ekkleżjastiċi. Xejn ma għandu jmur kontra dawn l-ordnijiet, la jekk tkun xi projbizzjoni apostolika jew inkella xi statuti tal-Ordni tagħkom li jikkuntradixxu dak li qed ngħidu, ukoll jekk dawn ikunu msaħħin minn xi stqarrija solenni jew ratifika apostolika jew xi ftehim ieħor, u wkoll jekk xi wħud ikunu rċevew mis-Sede Apostolika, b'mod ġenerali jew partikulari, l-eżenzjoni mill-interdett, sospensjoni jew skomunika, ħlief fil-każ li fih l-ittra apostolika ssemmi dan l-indult b'mod sħiħ, ċar u letterali.

Aħna nixtiequ li, meta dawk il-patrijiet li huma magħżulin ikunu preżenti fir-reġjuni li jinsabu 'l hemm mill-baħar, huma għandhom jaqgħu taħt l-ubbidjenza u jkunu suġġetti għat-tmexxija tal-Gwardjan tal-patrijet tal-Ordni tagħkom, kif ukoll tal-Ministru Provinċjal tal-Art Imqaddsa, b'dak kollu li jaqa' fil-kompetenza tiegħu.

Mogħtija f'Avignon, fil-21 ta' Novembru 1342, l-ewwel sena tal-Pontifikat tagħna."

Il-Bulla *Nuper carissimae* fiha l-istess kontenut tal-

Bulla *Gratias agimus*, u hi indirizzata lir-Reġina Sancia u lil żewġha r-Re Roberto d'Anjou. Il-valur tal-Bulli mil-lat ġuridiku hu importantissimu.

Qabel xejn, il-Papa Klement VI jippromulga lid-dinja Kattolika r-ratifika ta' ftehim politiku li kien sar bejn ir-Re ta' Napli u s-Sultan tal-Eġittu dwar akkwist ta' proprjetà li għad-dinja Kristjana hi meqjusa bħala Post Qaddis (Ċenaklu, flimkien mal-Postijiet Qaddisa tal-Qabar ta' Kristu, Qabar tal-Verġni Marija u Grotta tan-Nativitá f'Betleħem). Dan ifisser li ftehim simili ġie meqjus, sa mill-bidunett, bħala trattat bejn żewġ potenzi li kellhom dritt ta' proprjetà u ta' aljenazzjoni jew ksib tal-istess proprjetà (l-Eġittu fuq naħa u r-Renju taż-Żewġ Sqalliji fuq oħra).

Il-Papa jiddikjara li l-proprjetà nxtrat bi spejjeż kbar u trattattivi ibsin mir-Re u r-Reġina, mela li r-Rjali ta' Napli huma l-proprjetarji veri tal-Postijiet Qaddisa imsemmija.

Il-Papa jiddikjara li s-Sultan ikkonċeda u li r-Rjali ta' Napli akkwistaw żewġ privileġġi. L-ewwelnett li l-patrijiet Minuri tal-Ordni ta' San Franġisk ikunu jistgħu jgħixu b'mod permanenti, stabbli u għal dejjem, u jiċċelebraw l-uffiċċji divini fil-Bażilika tal-Qabar ta' Kristu. It-tieni nett li s-Sultan ikkonċeda lir-Rjali ta' Napli ċ-Ċenaklu, il-kappella tal-inżul tal-Ispirtu s-Santu, u l-kappella ta' San Tumas (taħt iċ-Ċenaklu), u li dawn imbagħad għaddew b'donazzjoni lill-patrijiet Franġiskani dan il-Post Qaddis. Prova ta' din id-donazzjoni hi l-fatt li r-Reġina Sancia bniet, mill-patrimonju tagħha, kunvent lill-patrijiet biex fih ikunu jistgħu jgħixu fuq l-Għolja ta' Sijon.

Il-Bulli jikkonfermaw ukoll l-atti kollha ta' xiri ta' proprjetà taż-żona tal-Għolja ta' Sijon li kienu saru max-xiri definittiv tar-Rjali ta' Napli, speċjalment, kif rajna, bl-inizjattiva ta' fra Roger Guérin u l-għajnuna finanzjarja ta' Donna Margherita di Sicilia.

Finalment il-Bulli huma prova li ċ-Ċenaklu, bħala s-Santwarju ewlieni tal-Franġiskani fl-Art Imqaddsa, hu proprjetà esklużiva tal-Latini (Knisja Kattolika), u li l-Franġiskani huma l-uniċi proprjetarji leġittimi tiegħu, kif, fil-fatt, kienu mill-1333 sal-1551 meta keċċew mill-Għolja ta' Sijon bl-ordni tas-Sultani Torok Ottomani ta' Kostantinopli.

Il-Bulli huma wkoll prova li r-Reġina offriet li tipprovdi l-għajxien ta' 12-il patri minn butha, u li l-Ministru Ġeneral u l-Ministru Provinċjali ta' Napli kellhom il-fakultà li jibagħtu patrijiet mill-Ordni kollu biex jgħixu fuq l-Għolja ta' Sijon. Din hi prova li l-preżenza tal-Kustodja Franġiskana kienet realtà internazzjonali sa mill-bidunett, u li r-Rjali ta' Napli kellhom il-ġuspatronat fuq il-proprjetà li xtraw bi flushom u taw b'donazzjoni lill-Franġiskani.

Il-Bulli jgħidu li l-patrijiet Minuri li jgħixu fuq l-Għolja ta' Sijon kienu jaqgħu taħt l-ubbidjenza tal-Gwardjan tal-Għolja ta' Sijon (li mbagħad beda jissejjaħ Kustodju tal-Art Imqaddsa), taħt il-ġurisdizzjoni immedjata tal-Ministru Provinċjal tal-Art Imqaddsa (li dak iż-żmien kellu r-residenza tiegħu f'Ċipru). B'hekk ġie ċċarat il-fatt li l-Ministru Provinċjal tal-Art Imqaddsa kellu ġurisdizzjoni immedjata fuq il-Postijiet Qaddisa tal-Art Imqaddsa, ħaġa li saret normali meta l-istess Gwardjan ta' Sijon, bħala Kustodju tal-Art Imqaddsa, sar, in effetti, il-Ministru Provinċjal tal-missjoni Franġiskana.



# ID-DJAKNI FIL-KNISJA ...SEJĦA GĦAD-DJAKONIJA

**_Fr Charles Buttigieg_**

*"...u ħatru 'l Stiefnu, raġel mimli bil-fidi u bl-Ispirtu s-Santu, u 'l Filippu u 'l Prokoru u 'l Nikanor u 'l Timon u 'l Parmenas u 'l Nikolas, proselitu minn Antijokja; qegħduhom quddiem l-appostli, u dawn talbu u qiegħdu jdejhom fuqhom"*

*(Atti 6:5-6)*

## Fil-Ġdid Testment

Il-kelma griega għal djaknu hija ‘diakonos’ li nsibuha 29 darba fil-Ġdid Testemnt, litteralment il-kelma tfisser ‘dak li jservi f’nofs (dia) imwejjed’ (ara Matt 22:13 u Ġwanni 2:5-9). Kristu (Kyrios) nnifsu hu msejjaħ diakonos f’Rum 15:8 u Gal 2:17. Is-sejħa għad-djakonat insibuha rrakkontata b’mod ċar fil-ktieb tal-Atti tal-Appostli miktub minn San Luqa, fejn naraw il-għażla tas-seba` djakni, fosthom lil San Stiefnu li ta xhieda tad-djakonija tiegħu bl-iktar mod perfett permezz tal-martirju: “...u ħatru ’l Stiefnu, raġel mimli bil-fidi u bl-Ispirtu s-Santu, u ’l Filippu u ’l Prokoru u ’l Nikanor u ’l Timon u ’l Parmenas u ’l Nikolas, proselitu minn Antijokja; qegħduhom quddiem l-appostli, u dawn talbu u qiegħdu jdejhom fuqhom.” (Atti 6:5-6). Dawn id-djakni ġew maħturin mill-appostli mmexxija mill-Ispirtu s-Santu, sabiex jgħinuhom fil-ħafna xogħol tagħhom qalb l-ewwel komunitajiet insara. Id-djakni magħżula minn fost il-komunità ġew ippreżentati quddiem l-appostli li talbu flimkien u poġġew idejhom fuqhom sabiex iwettqu l-missjoni meħtieġa tagħhom. Bħala ministeru żgur li kellhom l-organizazzjoni tal-agape fil-liturġija u l-ministeru tal-karità tal-isqof.

Naraw ukoll li fiż-żmien San Pawl kien hemm diversi kollaboraturi, persuni sabiex flimkien mal-appostli jaħdmu biex jixxandar il-vanġelu ġdid ta’ Kristu lill-ġnus kollha, fost dawn insibu d-’Diakonoi’ li bħala djakni kellhom diversi ħidmiet. Huwa



importanti li dawn il-ministri fil-Knisja kienu dejjem jinħatru bl-approvazzjoni ta' ministri oħrajn u wara li kien ikun aċċertat li kienu kandidati maturi u mistħoqqa.

Fl-ewwel żminijiet id-djakni kienu jqassmu l-Ewkaristija lill-ġemgħa liturġika u lill-morda, kienu janimaw it-talb waqt l-Ewkaristija u kienu wkoll jieħdu ħsieb l-amministrazzjoni tal-flus u l-ġid tal-Knisja. Infatti minħabba l-ħidma tagħhom fil-Knisja bħala kollaboraturi tal-isqfijiet, id-djakni għall-ewwel kellhom importanza kbira saħansitra iktar mill-presbiteri, dawk li kienu saċerdoti; iżda mbagħad wara l-presbiteri bdew jieħdu iktar tmexxija f'idejhom. Ħafna kienu dawk id-djakni fl-ewwel żminijiet tal-Knisja li ħadu l-martirju. Ilkoll nafu bil-martirju ta' San Lawrenz (Laurentius, Christi Martyr), l-ogħla wieħed mis-seba` djakni ta' Ruma li kellu l-Papa Sistu II u li kien iwettaq id-djakonija qalb l-foqra ta' Ruma, it-teżori tal-Knisja. Huwa twieled fi Spanja fis-sena 226 u ħa l-martirju fl-10 ta' Awwissu ta-sena 258 fil-persekuzzjoni ta' Valerjanu u ġie midfun fiċ-ċimiterju ta' Ciriaca fil-Verano ġewwa Ruma. Is-sinodu ta' Arles fi Franza fis-sena 314 stabilixxa id-differenza bejn id-djakni u l-presbiteri fejn dawn tal-aħħar jikkonsagraw l-Ewkaristija.

## Ir-Rit tal-Ordinazzjoni tad-Djakonat

Nistgħu nifhmu aħjar l-ordni tad-djakonat billi nagħtu ħarsa wkoll lejn ir-rit tal-Ordinazzjoni tad-Djakonat innifsu meta l-Isqof jordna djaknu. L-ewwel issir il-Petizzjoni lill-Isqof minn dak li jkun inkarigat mill-formazzjoni tal-kandidat għad-djakonat; imbagħad issir l-omelija mill-Isqof u wara l-interrogatorju. Dak li se jkun ordnat djaknu jagħmel wegħda importanti ta' ubbidjenza lill-Isqof u wara titkanta l-litanija tal-qaddisin. Il-mument l-aktar solenni huwa it-Tqegħid tal-Idejn mill-Isqof waħdu, fis-skiet u t-Talba Konsagratorja. Id-djaknu l-ġdid jilbes l-istola u d-dalmatika. Wara l-Isqof jagħtih l-Evanġelarju u l-Bewsa tal-Paċi.

It-talba konsagratorja għad-djakonat turi l-funzjoni liturġika li għandu djaknu u r-rabta tiegħu mal-liturġija tal-Knisja. Turi wkoll is-



servizz għall-karità li għandu jkollu d-djaknu. Id-dalmatika tad-djaknu (jew tuniċella) hija l-libsa proprja li fil-bidu kienu jilbsuha s-seba` Djakni biss. Oriġinarjament din kienet tintlibes mill-imperaturi Rumani u l-Papa San Ewtikju (275-283) kien ordna biex il-fdalijiet tal-martri jitgħattew biha. L-istola jew 'horarium', insibuha għall-ewwel darba fis-seklu sitta fil-Knisja Spanjola. Id-djaknu jilbes l-istola tiegħu fuq l-ispalla u tintlibes b'mod differenti minn tas-saċerdot kif insibu fil-Konċilju ta' Toledo fis-seklu sebgħa. Tintlibes fuq l-ispalla x-xellugija, ħalli in-naħa tal-lemin jibqa` liberu, simbolu sabiex b'hekk ikun jista' bla xkiel iwettaq il-qadi tiegħu. Fil-Knejjes Griegi d-djaknu jilbes l-orarion (stola) fuq l-sticharion (dalmatika) u f'rasu jilbes il-kamilavka. Fil-knisja griega d-djaknu għandu rwol importanti fil-ministeru tal-kant u tal-inċensazzjoni tal-ikoni. Huwa jista' jamministra l-magħmudija 'in extremis', fejn is-sagramenti bħaż-żwieġ huma amministrati mis-saċerdoti u mhux mid-djakni f'dawn il-knejjes.

L-Ordni tad-Djakonat hu l-ewwel grad tas-sagrament tal-Ordni Sagri. Il-Papa Piju XII fis-'Sacramentum Ordinis' tal-1947 jgħid li s-sagrament tal-Ordni Sagri għandu tliet gradi; id-Djakonat, il-Presbiterat u l-Episkopat. Hija l-Konsagrazzjoni Episkopali ta' Isqof li hi l-milja tas-sagrament tal-Ordni Sagri u għalhekk id-djakni u s-saċerdoti għandhom ikunu dejjem f'għaqda mal-Isqof.

Għalhekk id-djaknu jwettaq id-djakonija tiegħu billi jqiegħed lilu nnifsu għas-servizz u għall-qadi tal-Knisja. Huwa jħabbar u jxandar il-Kelma ta' Alla tal-Vanġelu, jista' ukoll ifisser din l-istess kelma ta' Alla u jwassal l-Ewkaristija lill-morda. Fuq kollox id-djaknu minbarra li jgħammed jista' ukoll jassisti għas-sagrament taż-żwieġ. Għalhekk id-djakonija hija marbuta mal-liturġija u mal-karità. Din hija l-missjoni tad-djaknu fil-Knisja.

## Id-Djakonat Femminili fil-Knisja Griega u Kopta

L-ewwelnett tajjeb li nsemmu li fil-ministeru ta' San Pawl huwa jsemmi d-djakonessi, fil-fatt għandna lil Febe: djakonessa ta' Kenkre, port ta' Korintu, mibgħuta Ruma bl-ittra lir-Rumani. Il-ministeru tagħhom huwa msemmi fil-kitbiet ta' Klement ta' Lixandra, id-Didaskalija, Origene, Epifanju ta' Salamis, Bażilju ta' Ċesareja, Ġwann Krisostmu u Girgor ta' Nissa fost l-oħrajn. Tajjeb ukoll li ngħidu li għal diversi sekli kemm fil-Lvant u kemm fil-Punent sas-seklu 13 fil-knisja kienet baqgħet teżisti l-figura tad-djakonessi jew 'ministerium feminae' li kienu jippreparaw spiritwalment speċjalment il-katekumeni nisa 'ad ministerium baptizandarum mulierum'. Huma kienu jilbsu l-maforion jew il-velu tal-perfezzjoni. Is-Sinodu Qaddis tal-Knisja Ortodossa tal-Greċja li sar f'Ateni fit-8 ta' Ottubru



2004 ivvota favur t-twaqqif tad-djakonat femminili. Kemm Evangelos Theodorou u l-monaku Cipriano Vagaggini kitbu dwar l-ordinazzjoni tad-djakni nisa fil-bidu tal-Knisja. Fl-1907 il-kummissjoni tal-Knisja Ortodossa Russa kienet irreġistrat il-presenza tad-djakonessi ġewwa Georgia. Anke is-Simposju inter-ortodotoss ta' Rodi fl-1988 saħaq: '*L'ordine apostolico delle diaconesse dev'essere fatto rivivere*'. Anke d-dokument dwar id-djakonat ippubblikat mill-Kummissjoni Teoloġika Internazzjonali tal-Vatikan fl-2002 kien ammetta li l-kanoni 15 tal-Konċilju ta' Kalċedonja fis-sena 451 jidher jafferma l-ordinazzjoni (cheirotonia) tad-djakonessi. Insibu l-ordinazzjoni tad-djakonessi wkoll fil-Knisja Appostolika Armena.

Anke il-Knisja Kopta tħares b'mod posittiv lejn id-djakonessi fil-monasteri tagħha. Fl-1981 il-Patrijarka Shenuda III kien ordna 180 djakonessa (shammasat). Dan kien ikkonfermat fis-Sinodu Qaddis tal-Knisja Kopta fl-1990-1991. Tajjeb li nsemmi hawnhekk il-presenza tal-Ordo Viduarum (mibni fuq it-test bibliku tal-armla li tat kulma kella f'Luqa 21:1-4) u tal-Ordo Virginum bħala ħajja kkonsagrata fil-Knisja Kattolika.

## Id-Djakni Permanenti

Tajjeb li ngħidu li 'id-djakni permanenti' li kienu ispirati mill-Konċilju Vatikan II. Fil-fatt kien ġie istitwit mill-Papa il-Venerabbli Pawlu VI fl-1972, wara li kienu bdew il-proċessi fl-1967. F'ħafna djoċesijiet fid-dinja, fejn hemm nuqqas ta' saċerdoti, id-djakni permanenti (li ħafna huma irġiel bil-familja) qegħdin iwettqu xogħol pastorali importanti u qegħdin ikunu ta' għajnuna għall-presbiteri u għall-isqfijiet. L-akbar numru ta' djakni permanenti jinsab fl-Istati Uniti. Min jaf, forsi fil-futur u mhux fil-bogħod, ir-realtà tad-djakni permanenti tkun qed tagħti s-sehem tagħha hawn Malta wkoll. Fil-fatt l-Arċisqof ta' Malta Mons. Pawlu Cremona O.P. tkellem dan l-aħħar dwar din il-possibilità u sabiex jiġi ikkonsidrat u jingħata bidu għal dan il-proċess.

## Biblijografija


Arichea, D., "Who was Phoebe? Translating Diakonos in Romans 16:1", in *The Bible Translator* 39 (1988) 201-209.

Aubert M.J., *Il Diaconato alle Donne?*, Milano 1989.

D'Angelo M.R., "Women patrners in the New Testament", in JFSR 6 (1990) 65-86.

*Diakonia. Church for the Others*, N. Greinacher – N. Mette (eds.), *Concilium* 198/4, 1988.

Ferrari, G., "Le diaconesse nella tradizione orientale", in *Oriente Cristiano* 14/1 (1974) 28-50.

Maddan, W.B., "The office of the Deacon in the Church from the tome of the apostles", in *Indian Journal of Theology* (1959) 59-66.

Mc BRIEN, R.P., *Catholicism*, New York 1994.

Millitello, C., *Donna e ministero. Un dibattito ecumenico*, Roma 1991.

Philsy, S., "Diakonia of Women in the New Testament", in *Indian Journal of Theology* (1979) 110-118.

*"We are your servants". Augustine's homilies on ministry*, J.E. Rotelle (ed.), Philadelphia (PA) 1986.




# IŻ-ŻEWĠ DIMENSJONIJIET TAL-PATT

***Mons. Lawrenz Sciberras***

Kull forma ta' patt għandu jkollu żewġ dimensjonijiet: Waħda Vertikali u l-oħra Orizzontali, jiġifieri l-wieqfa u l-minduda. Tal-ewwel hemm ir-relazzjoni ma' Alla, dik tat-tieni hemm ir-relazzjoni mal-aħwa. Dawn iż-żewġ dimensjonijiet ġraw tassew minn fuq is-salib, u li



f'nofshom hemm Ġesù mdendel iva imma li jgħaqqad dawn iż-żewġ dimensjonijiet flimkien. Din il-għaqda hu biss seta' jagħmilha, għaliex hu biss għandu natura divina u natura umana magħqudin f'persuna waħda. Hekk San Pawl: "Hu (Ġesù) għad li kellu n-natura ta' Alla", … xejjen lilu nnifsu billi ħa n-natura ta' lsir" (Fil 2,6.7).

## Il-patt tas-Sinaj

Meta Mosè għamel il-patt tas-Sinaj, (Ez 24) id-dimensjoni l-aktar li toħroġ fid-dieher hija dik vertikali, mela il-wieqfa. Fil-ktieb tal-Eżodu hemm miktub hekk: "Mbagħad ħa l-ktieb tal-patt, u qara minnu hekk li seta' jisimgħu l-poplu. U huma qalu: 'Kull ma qalilna l-Mulej nagħmluh, u nisimgħu minnu'. Mosè mbagħad ħa d-demm u hu u jroxxu fuq il-poplu, qal: 'Hawn hu d-demm tal-patt li l-Mulej jagħmel magħkom skont dan il-kliem" (Ez 24,7-8), Din hija d-dimensjoni vertikali, mela waħda ta' relazzjoni sħiħa u qawwija bejn Alla u l-poplu magħżul tiegħu.

Fl-Aħħar Ċena però, d-dimensjoni li toħroġ l-aktar qawwija hija dik orizzontali. L-għotja sħiħa lill-aħwa. Il-kuntest huwa wieħed ta' IKLA fraterna għall-aħħar. "Kelli xewqa kbira li nagħmel din l-ikla tal-Għid magħkom qabel ma nbati" (Lq 22,15). Kull ikla li ssir flimkien għandha din it-tifsira (a) ta' għaqda bejn l-aħwa, (b) ta' aċċettazzjoni reċiproka, (c) ta' relazzjoni bejn il-ħbieb. F'dan il-kuntest ta' ikla li saret flimkien, Ġesu bħala ikel joffri lill-ġismu stess, u bħala xorb joffri demmu (Lq 22,19-20). Dan ifisser li hawn komunjoni bejn l-aħwa li tiġi mfissra u murija bil-mod l-aktar intimu u perfett possibbli.

Id-demm tal-patt il-ġdid ma jiġix imraxxax, kif ġara fil-patt tas-Sinaj, imma mogħti biex jixorbuh. Interessanti tassew. Ir-riżultat huwa l-immanenza (tibqa' f'xi ħadd) reċiproka: "Min jiekol ġismi u jixrob demmi jibqa' fija u jiena fih" (Ġw 6,56). Ma teżistix alleanza aktar qawwija minn hekk. Dan l-aspett ta' komunjoni profonda bejn Ġesù u d-dixxipli preżenti fl-aħħar ċena ma jinstabx anqas fuq il-Kalvarju, anzi hawn fuq jidher l-aspett ta' firda. Fuq is-salib Ġesu imut imwarrab mill-folla, kif ukoll, u dan forsi aktar qawwi, imwarrab

mill-istess appostli tiegħu! Huwa fl-aħħar ċena fejn nafu li Ġesù miet għall folla, u waqqaf l-alleanza ma' Alla.

Id-dimensjoni vertikali tal-Aħħar Ċena tidher anqas, imma tikkondizzjona dik orizzontli. Ma jistax ikun hemm għaqda vera bejn l-aħwa jekk ma jkunx hemm relazzjoni mal-Missier! U fejn qatt tidher din id-dimensjoni vertikali? Tidher f'kelma waħda: *eucharistesas* jiġifieri "radd il-ħajr" (Lq 22,19). Din hija kelma li tesprimi r-radd il-ħajr li Ġesu jgħid darbtejn, l-ewwel fuq il-ħobż, wara fuq l-inbid. Hawn għandna talba ta' importanza mill-aqwa. Il-Knisja fehmitu sew dan, u għalhekk sejħitlu s-sagrament ta' "Ewkaristija", kelma li tfisser radd il-ħajr.

## L-Iben jirringrazzja lill-Missier

L-Iben jirċievi kollox mill-Missier, għalhekk is-sitwazzjoni normali ta' Ġesù hija li jirringrazzja 'l Missieru! Ġesù stess qal: "Mhux Mosè tagħkom il-ħobż mis-sema, imma Missieri jagħtikom il-ħobż tassew mis-sema" (Ġw 6,32). Ġesù kien jaf sew li r-rigal li huwa għamel ġej mill-Missier. Qatt ma ppretenda li l-inizjattiva ġejja minnu, imma b'konvinzjoni kbira radd ħajr lil Missieru li tah il-kapċità li jgħaddi dan ir-rigal lilna bnedmin. "Inroddlok ħajr Missier, għaliex permezz ta' dan il-ħobż li jiena għandi f'idejja, jiena stess għad insir ħobż għall-ħajja tad-dinja".

L-Ewkaristija hija rigal tal-Missier li jagħti lil uliedu ħobż eċċellenti. Il-Knisja tirċievi l-Ewkaristija bħala don tal-Missier. Il-Knisja tħeġġiġna biex nirringrazzjaw lil Missier. Il-Missier li laqagħna għandu għall-mejda Ewkaristika. Il-Missier li għajjixna bil-ġisem u d-demm ta' Ibnu stess.

Fid-diskors dwar il-ħobż tal-ħajja, Ġesu qal: "Il-ħobż li jien nagħtikom huwa ġismi għall-ħajja tad-dinja" (Ġw 6,51). Fl-aħħar ċena Ġesù ma illimitax il-ħarsa tiegħu għal dak il-grupp żgħir li kellu madwaru, tant li qal:



"Agħmlu dan b'tifkira tiegħi". Mela hawn Ġesù ħaseb f'tant nies. Dan ir-radd il-ħajr kellu l-bidu tiegħu fil-miraklu tal-multiplikazzjoni ġdida. U dan mhux għall-ħobż (plural), imma għall-ħobż wieħed li huwa ġismu stess. Tkattir wisq aktar u tal-għaġeb u wisq aktar importanti minn dik li seħħ fid-deżert tas-Sinaj. Fil-fatt il-għan ta' din iċ-ċena ma kienx sempliċement li jaqta' l-ġuħ lil eluf ta' nies, imma li jkun ta' figura-tip għal multiplikazzjoni tal-ħobz ewkaristiku. Il-miraklu tat-tkattir tal-ħobż huwa biss sinjal għall-futur (Ġw 6,26).

## Ġesu u Lażżru

Jekk inqabblu r-radd il-ħajr li qal Ġesu fl-Aħħar Ċena ma' dak li qal quddiem il-qabar ta' Lażżru, mill-ewwel tolqotna d-differenza qawwija. Fuq naħa waħda, naraw talba magħmula fil-miftuħ, quddiem qabar, fuq in-naħa l-oħra qegħdin f'ikla, fl-intimità żgħira taċ-ċenaklu. Però bejniethom hemm ukoll xebh kbir! Fiż-żewġ każijiet, Ġesù kellu jħabbat wiċċu mal-mewt u jirbaħha. Fl-ewwel ġrajja Ġesù kellu jaffronta l-mewt ta' ħabibu Lażżru u jirbaħha. Fit-tieni ġrajja Ġesù kellu jaffronta l-mewt proprja tiegħu u jirbaħha wkoll.

Fiż-żewġ każijiet Ġesù jirringrazzja 'l Missieru qabel ma ġab ir-rebħa (Ġw 11,41). Għalhekk Ġesù kien konvint li se jiġi mismugħ minn Missieru u li dan kien se jwassal għar-rebħa żgura. L-istess ħaġa ġrat fl-aħħar ċena. Ġesù jrodd ħajr bil-qawwa kollha 'l Missier għar-rebħa li għad iġib fuq il-mewt permezz tal-qawmien tiegħu. Huwa preċiżament minħabba dan ir-ringrazzjament minn qabel, li sar qabel ir-rebħa, li din it-talba tifforma rivelazzjoni eċċezzjonali tal-ħajja interjuri ta' Ġesù, tal-għaqda tal-iben mal-Missier, u tal-fiduċja l-aktar assoluta.

Fl-istess waqt dan ir-radd ta' ħajr jifforma azzjoni estremament effikaċi, u dan għaliex hija azzjoni deċisiva għall-ġrajjiet kollha li jsegwu: it-twaqqif tal-Ewkaristija, il-Passjoni, il-Qawmien, it-twaqqif ta' Patt ġdid b'demmu. Kollox jiddependi minn dan ir-radd il-ħajr, għaliex kollox ġej mill-għotja ġeneruża tal-Missier, milqugħa sħiħ minn Ġesù bi gratitudni perfetta.

## Is-sagrifiċċju 'Todà'

Issa jekk inqabblu mat-Testment il-Qadim nifhmu aħjar dak li hemm ġdid fl-Ewkaristija bħala sagrifiċċju ta' radd il-ħajr. It-T.Q. jaf sewwa bid-debħiet ta' radd il-ħajr, imsejħa TODÀ, kelma li tfisser grazzi, jew rikonoxxenza. L-iskema hija waħda sempliċi. Eżempju: **(a)** Bniedem marid se jmut, **(b)** jitlob ħerqan 'l Alla b'qawwa kbira, **(c)** iwiegħdu li jidbaħ sagrifiċċju ta' radd il-ħajr, jekk huwa jgħix u dan aktarx fit-tempju **(d)** din il-kundizzjoni sseħħ, **(e)** il-persuna tmur fit-tempju biex toffri is-sagrifiċċju ta' radd il-ħajr, **(f)** il-ġrajja tikkonkludi b'ikla mal-ġemgħa, li matulha kollha jieklu mill-vittma (annimal) li parti biss minnu tkun ġiet maħruqa, mela ssagrifikata lil Alla.

Dan il-fatt jidher komuni ħafna fis-salmi ta' radd il-ħajr. Dak li jaħsdek xi ftit fil-ġrajja ta' Ġesù huwa l-fatt li hu qiegħed ir-radd il-ħajr fil-bidu, meta normalment dan ikun fl-aħħar tal-azzjoni. "U qabad kalċi, radd il-ħajr" (Lq 22,17). Fl-Aħħar Ċena nafu li Ġesù antiċipa l-mewt tiegħu, u għamilha preżenti. Ġesù antiċipa wkoll ir-ringrazzjament finali għar-rebħa fuq il-mewt.

Hekk Ġesù qiegħed l-ewwel dak l-element li suppost ikun fl-aħħar. Ir-radd il-ħajr mal-ikla tal-għaqda. Dan ir-radd il-ħajr Ġesù beda bih, għaliex huwa element fundamentali u deċisiv. Dawn l-osservazzjonijiet jgħinuna biex nifhmu l-profondità tal-misteru u l-qawwa tal-imħabba li għamlet din il-bidla. L-imħabba li ġejja mill-Missier, tgħaddi mill-qalb ta' Ġesù u tbiddel ġrajja traġika u skandaluża f'għajn ta' ġrazzja infinita.



# IR-REFERENZI BIBLIĊI FL-ENĊIKLIKA "LUMEN FIDEI" (1)

*Marcello Ghirlando ofm*

L-iskop ta' dan l-artiklu huwa li jippreżenta ġabra fil-qosor tal-Enċiklika "Lumen Fidei", "Id-Dawl tal-Fidi", tal-Qdusija Tiegħu l-Papa Franġisku, u naraw flimkien r-referenzi bibliċi li jintużaw fin-nisġa tal-kitba[1].

L-Enċiklika "Lumen Fidei" hija l-ewwel waħda tal-Papa Franġisku u ġġib id-data tad-29 ta' Ġunju 2013. Tgħaqqad is-serje ta' Enċikliki tal-Qdusija Tiegħu l-Papa Benedittu XVI fuq it-Tama u l-Karità. Fil-fatt, hekk jikteb il-Papa Franġisku fil-bidu tal-Enċiklika: "Dawn il-ħsibijiet fuq il-fidi – f'rabta ma' dak kollu li l-Maġisteru tal-Knisja qal dwar din il-virtù teologali – iridu jingħaqdu ma' dak li kiteb Benedittu XVI fl-Ittri Enċikliki fuq l-imħabba u fuq it-tama. Hu kien diġà kważi temm l-ewwel abbozz tal-Ittra Enċiklika fuq il-fidi. Jiena nħossni profondament grat, u fil-għaqda tal-aħwa fi Kristu, qiegħed nieħu mix-xogħol prezzjuż tiegħu, filwaqt li nżid mat-test xi ħwejjeġ oħra. Is-Suċċessur ta' Pietru, ilbieraħ, illum u għada, hu dejjem imsejjaħ biex "iwettaq lill-aħwa" f'dak it-teżor ta' siwi bla qies tal-fidi li Alla jagħti bħala dawl fit-triq ta' kull bniedem" (7).

Wara l-Introduzzjoni (1-7), l-Enċiklika "Lumen Fidei" hija maqsuma f'erba' kapitli. L-Ewwel Kapitlu, "Aħna emminna fl-Imħabba (1 Ġw 4: 16), (8-22); it-Tieni Kapitlu, "Jekk ma temmnux ma tifhmux" (Is 7: 9), (23-36); it-Tielet Kapitlu, "Inxandrilkom dak li rcevejt jien" (1Kor 15: 3), (37-49) u r-Raba' Kapitlu, "Alla jħejji belt għalihom" (Lhud 11: 16), (50-57) bi tliet numri ta' Konklużjoni (58-60).

## Id-Dawl tal-Fidi

Fl-Introduzzjoni tal-Enċiklika (1-7) il-Papa jagħti l-motivazzjonijiet li qanqluh jikteb: biex jerġa' jfakkar l-karatteristiċi tad-dawl proprji tal-fidi. Hija l-fidi li għandha l-qawwa ddawwal l-eżistenża kollha tal-bniedem, tgħinu jagħżel it-tajjeb mill-ħażin, fil-kuntest taż-żmien modern li huwa kontra t-tiftix u fejn il-fidi titqies bħala illużjoni, pass fid-dlam li jxekkel il-ħelsien tal-bniedem. L-Enċiċklika għandha għalhekk – fil-kuntest taċ-ċelebrazzjoni tas-Sena tal-Fidi u f'għeluq il-ħamsin sena mill-Konċilju Vatikan II, Konċilju dwar il-fidi – iġġedded l-istagħġib tagħna quddiem il-wisa' tax-xefaq li l-fidi tiftaħ, biex nistqarruha fl-unità u s-sħuħija tagħha. Għax il-fidi hija don ta' Alla, don li jrid jiġi ndukrat u msaħħaħ. "Min jemmen, jara", għax id-dawl tal-fidi jiġi minn Alla, huwa dawl li jdawwal l-aspetti kollha tal-eżistenza tal-bniedem: huwa dawl ġej mill-passat, mit-tifkira tal-ħajja ta' Ġesù, imma anke mill-futur u għalhekk jiftħilna orizzonti kbar.

"Fil-fidi, don ta' Alla, virtù soprannaturali infuża minnu, aħna nagħrfu li ngħatat imħabba kbira, li ntqalet kelma tajba, u li aħna u nilqgħu din il-kelma, li hi Ġesù Kristu, il-Kelma magħmula bniedem, l-Ispirtu s-Santu jbiddilna, idawwal il-mixja tal-ġejjieni, u jkabbar fina l-ġwienaħ tat-tama biex nimxuha bil-ferħ. Fidi, tama u mħabba jsawru, f'għaqda tal-għaġeb bejniethom, id-dinamiżmu tal-eżistenza nisranija lejn l-għaqda sħiħa ma' Alla" (4).

Erbgħa huma r-referenzi bibliċi li jintużaw f'din l-Introduzzjoni, tnejn meħuda mill-Vanġelu ta' San Ġwann, waħda minn dak ta' San Luqa u oħra mit-Tieni Ittra lill-Korintin. Li l-fidi hija dawl (1) jiġi kkonfermat mill-kelma ta' Ġesù nnifsu f'Ġwanni 12: 46: "Jiena huwa d-dawl li ġejt fid-dinja biex kull min jemmen fija ma jibqax fid-dlam". Irridu niftakru li din il-kelma solenni ta' Ġesù tinsab fl-għeluq tal-ewwel parti tal-Vanġelu, imsejjaħ il-Ktieb tas-Sinjali. Is-seba' sinjali kellhom ikunu okkażjoni biex in-nies, bil-qawwa tad-don tal-fidi, temmen f'Ġesù li, f'8: 12 kien stqarr: "Jiena d-dawl tad-dinja. Min jiġi warajja ma jimxix fid-dlam iżda jkollu d-dawl tal-ħajja". Fil-fatt, it-tema ta' Ġesù bħala d-dawl tad-dinja, hija karatteristika tal-ewwel parti tal-Vanġelu ta' San Ġwann (1: 4.5.9; 9: 5; 11: 9 u r-referenza li juża l-Papa, 12: 46).




L-Introduzzjoni tfakkarna (1) li anki San Pawl fisser ruħu b'dan il-mod f'2 Korintin 4: 6: "Dan Alla li qal: 'Ħa jiddi d-dawl mid-dlam,' dak li hu li idda fi qlubna". Interessanti kif San Pawl jinqeda bil-kliem tal-ħolqien tad-dawl fil-Ktieb tal-Ġenesi (1: 3) u japplikah għall-predikazzjoni tad-dawl tal-Vanġelu ta' Kristu Ġesù. Fil-fatt ir-referenza biblika tkompli hekk: "...dak hu li idda fi qlubna biex jagħtina d-dawl tal-għarfien tal-glorja ta' Alla, li tiddi f'wiċċ Kristu".

It-tielet referenza tinsab ukoll fl-ewwel numru tal-Enċiklika. Il-Papa jkompli jintroduċi l-fidi bil-karatteristika ewlenija tad-dawl billi jfakkarna fil-kelma ta' kuraġġ li Ġesù jgħaddi lil Marta ftit qabel ma jerġa' jsejjaħ lil ħuha għall-ħajja. Lil Marta tibki l-mewt ta' ħuha Lazzru, Ġesù jgħidilha: "Ma għidtlekx li jekk inti temmen, tara l-glorja ta' Alla? (Ġw 11: 40). Għax min jemmen jara b'dawl li jdawwal il-mixja kollha tat-triq, "għax dan jiġi għandna mingħand Kristu Rxoxt, il-kewkba ta' filgħodu li qatt ma tinżel" (1).

"Is-Suċċessur ta' Pietru, ilbieraħ, illum u għada, hu dejjem imsejjaħ biex "iwettaq lill-aħwa" f'dak it-teżor ta' siwi bla qies tal-fidi li Alla jagħti bħala dawl fit-triq ta' kull bniedem" (7). Għal din ir-raġuni l-Papa jagħmel referenza (5) għal Luqa 22: 32. Hija l-kelma li l-Mulej jgħid lil Pietru, li ftit wara kellu jiċħdu għal tliet darbiet, waqt l-aħħar ikla: "Jiena tlabt għalik, biex il-fidi tiegħek ma tiġix nieqsa. Inti mbagħad, meta terġa' lura għas-sewwa, wettaq lil ħutek". Din hija l-missjoni



tal-Papa. B'din l-intenzjoni tnediet is-Sena tal-Fidi u nkitbet din l-Enċiklika.

## Aħna Emminna fl-Imħabba

L-Ewwel Kapitlu, "Aħna emminna fl-Imħabba (1 Ġw 4: 16) huwa maqsum f'ħames sezzjonijiet b'dawn it-titli: Abraham, missierna fil-fidi (8-11), Il-fidi ta' Israel (12-14), Il-milja tal-fidi Nisranija (15-18), Is-salvazzjoni bil-fidi (19-20) u Il-forma ekkleżjali tal-fidi (21).

B'ħarsa lejn Abraham, missierna fil-fidi, il-Papa jitkellem u jfisser il-fidi bħala smigħ tal-kelma ta' Alla, sejħa biex wieħed joħroġ mill-għeluq tiegħu nnifsu għal ħajja ġdida u wegħda għall-futur: dan jagħmel possibbli li nissoktaw il-mixja tagħna fiż-żmien, b'fidi marbuta sfiq mat-tama. Il-fidi hija wkoll marbuta mal-paternità għaliex Alla li jsejħilna mhuwiex frustier, imma huwa Alla l-Missier, l-għajn tat-tjieba li joħloq u jżomm kollox.

Fl-istorja ta' Israel, il-fidi hija dik li hi bil-maqlub tal-idolatrija, twemmin li bih il-bniedem iqiegħed lilu nnifsu fiċ-ċentru tar-realtà, jadura l-opra ta' idejh u jidħol f'labirint li jtellfu. Temmen ifisser tafda

fl-imħabba kollha ħniena ta' Alla, li dejjem jilqa' u jaħfer, li jmanti u jagħti direzzjoni lill-esiżtenza: hija fidi li turi ruħha qawwija fil-ħila tagħha li tidritta t-tagħwiġ tal-istorja tagħna. Il-fidi hi disponibilità li wieħed iħalli lilu nnifsu jinbidel dejjem mill-ġdid bis-sejħa ta' Alla, bid-don ta' Alla, mogħti b'xejn, li jitlob l-umiltà u l-kuraġġ li wieħed jintelaq u jintreħa, biex jgħix il-mixja mdawla tal-laqgħa bejn Alla u l-bnedmin, l-istorja tas-salvazzjoni. Dan hu l-paradoss tal-fidi: fid-dawrien lejn il-Mulej, il-bniedem isib triq stabbli li teħilsu mill-vjaġġ bla għan li għalih iwasslu l-idoli biex itellfuh it-triq.

Ġesù Kristu huwa l-medjatur li jiftaħna għal verità li hija akbar minna, il-wirja tal-imħabba ta' Alla li hija l-pedament tal-fidi tagħna. Meta nikkontemplaw il-mewt ta' Ġesù, il-fidi tagħna tissaħħaħ għax permezz tagħha huwa jagħtina l-akbar prova tal-affidabilità tal-imħabba tiegħu għall-bnedmin. Il-qawmien tiegħu mill-imwiet jagħmel minn Kristu xhud li tista' tafdah, li tistħoqqlu l-fidi. B'hekk il-fidi tagħraf fl-imħabba ta' Alla murija f'Ġesù s-sies li fuqu tistrieħ ir-realtà u d-destinazzjoni aħħarija tiegħu, u l-Insara jistqarru l-imħabba konkreta u setgħana ta' Alla, li jaħdem tabilħaqq fl-istorja u jsawrilha d-destin aħħari, imħabba li aħna nistgħu niltaqgħu magħha, li dehret fil-milja tagħha fil-passjoni, il-Mewt u l-Qawmien ta' Kristu.

Hemm aspett deċisiv tal-fidi f'Ġesù: nieħdu sehem fil-mod kif jaħsibha Ġesù, tħares minn għajnejh: hi taqsam miegħu l-mod kif jara. Hawnhekk il-Papa juża eżempju: kif fil-ħajja tagħna ta' kuljum aħna nqiegħdu l-fiduċja tagħna f'min jaf aktar minna – il-perit, l-avukat, l-ispiżjar – hekk fil-fidi neħtieġu li xi ħadd li nistgħu nafdaw fih u li jifhem fil-ħwejjeġ ta' Alla. Huwa Ġesù, Ibnu, li jfissrilna lil Alla. Nemmnu f'Ġesù meta nilqgħu l-Kelma tiegħu, nemmnu f'Ġesù meta nilqgħuh f'ħajjitna u nafdaw fih, ningħaqdu miegħu u nimxu warajh matul it-triq. L-Inkarnazzjoni tiegħu tagħmel mod li l-fidi ma toftomniex mir-realtà, izda tgħinna nifhmu t-tifsira l-aktar profonda tagħha.

Bil-qawwa tal-fidi, il-bniedem jilqa' d-don tas-salvazzjoni. Min jemmen jinbidel bl-imħabba, li għaliha nfetaħ fil-fidi, u fil-ftuħ tiegħu għal din l-imħabba li ngħatatlu, hu jitwessa' lil hinn minnu nnifsu. Din l-imħabba hija l-ħidma tal-Ispirtu s-Santu, ħidma li biha n-nisrani jirċievi l-viżjoni ta' Ġesù, jingħaqad miegħu fl-imħabba u jistqarr li Ġesù Kristu huwa l-Mulej.

B'dan il-mod, l-eżistenza li temmen issir eżistenza ekkleżjali ħajja fil-Knisja. Il-fidi wieħed jistqarrha fil-ġisem tal-Knisja, fix-xirka ta' dawk li jemmnu. L-Insara huma għaqda waħda, minngħajr ħadd ma jitlef l-individwalità tiegħu, fis-servizz ta' xulxin. Il-fidi għalhekk mhijiex xi ħaġa privata imma hija frott is-smigħ u titnissel biex tiġi murija bil-kliem u mxandra lill-oħrajn.

## Referenżi Bibliċi

F'dan l-Ewwel Kapitlu tal-Lumen Fidi, il-Papa jagħmel disgħa u erbgħin referenza biblika. Mill-Antik Testment insibu erba' referenzi mill-ktieb tal-Ġenesi, tlieta mill-Ktieb tad-Dewteronomju, referenza mill-Ktieb tal-Eżodu u oħra mill-Ktieb tas-Salmi. Hemm ħdax-il referenza għall-Vanġelu ta' San Ġwann u waħda għal dak ta' Luqa. Hemm erbatax-il referenza għall-Ittra lir-Rumani, erbgħa għall-Ittra lill-Galatin, tlieta għall-Ewwel Ittra lill-Korintin, waħda għat-Tieni Ittra lill-Korintin u tlieta għall-Ittra lill-Efesin. Hemm żewġ referenzi għall-Ittra lil-Lhud u referenza għall-Ewwel Ittra ta' San Ġwann, u għall-Ktieb tal-Apokalissi.

## Abraham, missierna fil-fidi

L-ewwel erba' referenzi huma mill-ktieb tal-Ġenesi u jirreferu għal Abraham, missierna fil-fidi. Bihom il-Papa jikkonferma dak li

jikteb: "Il-fidi hija tweġiba għall-kelma li ssejjaħ personalment, għal xi ħadd li jsejħilna b'isimna. Dak li dil-kelma tgħid lil Abraham huwa sejħa u wegħda (8-9)...dak li jintalab minn Abraham hu li jafda f'din il-kelma" Dan jiġi mdawwal minn dawn ir-referenzi mill-Ġenesi: "U nagħmel lil nislek bħat-trab tal-art, lil nislek ukoll ikun jista' jgħodd" (13: 16); "Ħares sewwa lejn is-smewwiet u għodd il-kwiekeb, jekk għandek ħila tgħoddhom... Hekk għad ikun nislek" (15: 5); "Jien inbierkek żgur u nkattarlek sewwa lil nislek bħall-kwiekeb tas-sema u bħar-ramel f'xatt il-baħar; u nislek għad jiret bwieb l-għedewwa tiegħu" (22: 17). "Alla li jitlob 'l Abraham jafda fih għal kollox juri ruħu bħala l-għajn li minnha tiġi kull ħajja" (11). "Sara, martek, tilidlek iben u ssemmih Iżakk" (17: 19). Il-Papa jiġbor dak kollu li jikteb fuq il-fidi ta' Abraham billi jġib żewġ referenzi mill-Ittra lir-Rumani, 4: 17 u 4: 21. Dawn iż-żewġt ivrus huma espressjoni tad-diskors li Pawlu jagħmel fuq l-eżempju ta' Abraham li jiġi ġġustifikat bis-saħħa tal-fidi: "Abraham...il-missier tagħna lkoll - ...Jiena nagħmel minnek missier ta' kotra kbira ta' ġnus – missierna quddiem Alla li fih hu emmen, li jagħti l-ħajja lill-mejtin u jsejjaħ fl-eżistenza



lil dak li ma jeżistix" (4: 17). "U ma naqasx fil-fidi tiegħu, anqas meta ġab quddiem għajnejh li ġismu kien mejjet għax kien għoddu laħaq il-mitt sena, u mejjet ukoll kien il-ġuf ta' Sara" (4, 19). Dak Alla Ħallieq li sejjaħ lil Abraham, ifakkarna l-Papa f'referenza għal Efesin 1: 4-5, sejjaħ lilna wkoll biex permezz tal-fidi nieħdu ħajja ġdida, kif kien għanna Pawlu fl-innu introduttiv ta' din l-Ittra: "Hekk hu għażilna fih, qabel il-ħolqien tad-dinja, biex inkunu qaddisa u bla tebgħa quddiemu fl-imħabba. Iddestinana minn qabel li nkunu ulied adottivi permezz ta' Ġesù Kristu; hekk għoġob lir-rieda tajba tiegħu".

## Il-fidi ta' Israel

Meta l-Papa jgħaddi biex jitkellem fuq il-fidi ta' Israel jagħmel erba' referenzi bibliċi. L-ewwel tnejn huma meħuda mill-Ktieb tad-Dewteronomju, il-ħames ktieb tal-Pentatewku. Huwa l-ktieb li fih Mosè il-Medjatur iqanqal il-fidi u jfakkar lill-poplu kemm Alla ħabbhom meta mexxihom u ħelishom mill-jasar. Il-Papa jistqarr: "Il-fidi hija sejħa għal mixja twila biex ikunu jistgħu jqimu lill-Mulej fuq is-Sinaj u jirtu l-art imwiegħda. L-imħabba ta' Alla għandha fiha l-istil tal-missier li jieħu lil ibnu f'mixja" (12) - "U bħalma għamel fid-deżert, fejn rajtu kif il-Mulej, Alla tagħkom, refagħkom bħalma bniedem jerfa' lil ibnu, fit-triq kollha li mxejtu sakemm wasaltu hawn" (Dewt 1: 31). Il-Papa jkompli fl-istess numru: "L-istqarrija tal-fidi ta' Israel tiżviluppa bħala rakkont tal-għemejjel kollha tjieba ta' Alla biex jeħles u jmexxi l-poplu, hu rakkont li l-poplu jgħaddi minn nisel għal ieħor". Fil-fatt, issir referenza għall-istqarrija ta' fidi fl-istess Ktieb tad-Dewteronomju: "Inti mbagħad tgħid hekk quddiem il-Mulej Alla tiegħek: 'Missieri kien minn Aram, jiġġerra minn post għal ieħor; imbagħad niżel fl-Eġittu u għammar hemm. Żgħir kien l-għadd ta' niesu, iżda hemmhekk sar poplu kbir, qawwi u kotran. L-Eġizzjani ħaqruna, għakksuna, għabbewna b'xogħol iebes; imma aħna għajjatna lill-Mulej, Alla ta' missirijietna, u l-Mulej sama' l-għajta tagħna, ra t-tgħakkis u t-tbatija u d-dwejjaq tagħna, u ħariġna l-Mulej mill-Eġittu, b'id qawwija, bi driegħ merfugħ, b'biża' kbir, b'sinjali u b'għeġubijiet, u daħħalna f'dan il-post, tana din l-art, art tnixxi ħalib u għasel. U issa, ara, jiena ġibt l-ewwel frott tal-art li tajtni int, Mulej.' U int tqiegħdu quddiem il-Mulej, Alla tiegħek, u tadura lill-Mulej, Alla tiegħek. U tifraħ bil-ġid kollu li l-Mulej, Alla tiegħek, ikun ta lilek u lil darek, int u l-Levita, u l-barrani li jkun jgħammar f'nofsok" (26: 5-11).

It-tielet referenza biblika f'din il-parti hija għas-Salm 115, salm li jgħanni lill-Mulej, li waħdu huwa Alla. Issir fil-kuntest tad-diskors tal-idolatrija li spiss waqa' fiha l-poplu u li hija tentazzjoni dejjiema għall-bniedem matul is-sekli: "Quddiem l-idolu wieħed ma jirriskjax li ssirlu sejħa li toħorġu mis-sikurezzi tiegħu, għaliex l-idoli "għandhom il-fomm u ma jitkellmux (S 115: 5). Nifhmu mela li l-idolu huwa skuża biex inqiegħdu lilna nfusna fiċ-ċentru tar-realtà, u naduraw l-opra ta' idejna" (13).

B'Eżodu 4: 22, "U int tgħid lill-Fargħun: Dan igħid il-Mulej: Israel hu ibni l-kbir...", il-Papa jagħlaq id-diskors fuq il-fidi ta' Israel. Bis-saħħa ta' Mosè, il-Medjatur, kull individwu jlaqqam il-fidi tiegħu fil-fidi tal-poplu l-magħżul, u b'hekk huwa parti minn Israel, "ibni l-kbir".

## Il-milja tal-fidi nisranija

Meta l-Papa jgħaddi biex jitkellem fuq il-milja tal-fidi nisranija jagħmel sbatax-il referenza biblika, kollha meħuda mill-Ġdid Testment.

Fin-numri 15-18 il-Papa jgħaddi biex jitkellem mill-milja tal-fidi nisranija. Hija l-kelma ta' Ġesù fil-Vanġelu ta' San Ġwann li ddoqq il-ftuħ ta' dan id-diskors: "Abraham qabeż bil-ferħ għall-ħsieb li kien se jara l-jum tiegħi, u rah u feraħ"

(8: 56). Hija kelma meħuda minn diskors qawwi li jagħmel Ġesù mal-Lhud li ma ridux jemmnu fih, anke jekk insistew li huma kienu wlied Abraham. Ġesù jakkużahom li ma kinux qed jagħmlu bħalma għamel Abraham!

"Il-fidi Nisranija hija ċċentrata fi Kristu, hi stqarrija li Ġesù hu l-Mulej u li Alla qajmu mill-imwiet"(15). Ghalhekk il-Papa hawnhekk jagħmel referenza għall-kliem tal-Appostlu Pawlu li jiġbor il-qofol tal-fidi nisranija: "Ghax jekk inti tistqarr f'fommok, Ġesù hu l-Mulej, u temmen b'qalbek li Alla qajmu mill-imwiet, int ssalva" (Rm 10: 9). Bi kliem Pawlu f' 2 Kor 1: 20, il-Papa jkompli: "Il-kitbiet kollha tat-Testment il-Qadim jinġabru fi Kristu, hu jsir l-"iva" definittiva għall-wegħdiet kollha, is-sies tal-"Ammen" aħħari tagħna lil Alla. Fil-kuntest tat-Tieni Korintin Pawlu jitkellem mill-fedeltà ta' Alla li tidher fi Kristu biex iseddaq il-fatt li anke kelmtu kienet sinċiera u vera: "Għax fih (Kristu) il-wegħdiet ta' Alla kollha saru "iva". Hu għalhekk li aħna, permezz tiegħu, ngħidu l-"Ammen" għall-glorja Alla. Ġesù huwa l-intervent definittiv ta' Alla fl-istorja, huwa l-Kelma eterna: dan jiġi kkonfermat b'mod ċar b'riferenza għall-introduzzjoni solenni li nsibu fl-Ittra lil-Lhud 1: 1-2, l-Ittra li fiha l-awtur sagru juri li f'Ġesù Kristu l-Iben ta' Alla hemm il-milja ta' kull wegħda u fih ukoll il-Patt tas-Sinaj isir il-Patt għall-popli kollha: "Alla fl-imgħoddi kellem lil missirijietna ħafna drabi u b'ħafna manjieri permezz tal-profeti. Issa f'dan l-aħħar



żmien, huwa kellimna permezz ta' Ibnu, li hu għamlu werriet ta' kollox, u li bih ukoll għamel il-ħolqien". Il-Papa jistqarr li din hija l-akbar garanzija tal-imħabba ta' Alla, kif ikanta San Pawl, wara li jikkunsidra l-fidwa definittiva li Alla joffri b'Ġesù, f'Rum 8: 31-39: "Xi ngħid, mela, quddiem dan kollu? Jekk Alla hu magħna min jista' jkun kontra tagħna?...Għax jiena żgur li la l-mewt u la l-ħajja, la l-anġli u la l-qawwiet, la ż-żmien t'issa u la ta' li ġej, la setgħat, la għoli u lanqas il-fond, u ebda ħliqa oħra ma jistgħu qatt jifirduna mill-imħabba ta' Alla li dehret fi Kristu Ġesù Sidna". "Il-fidi Nisranija hija l-fidi fl-Imħabba sħiħa, fis-setgħa tagħha effikaċi, fil-ħila tagħha li tbiddel id-dinja u ddawwal iż-żmien" (15). B'hekk il-Papa jagħmel tiegħu l-istqarrija tal-Ewwel Ittra ta' San Ġwann, stqarrija ċarissima: "Aħna għarafna l-imħabba li Alla għandu għalina u emminniha" (1 Ġw 4: 16).

L-akbar prova tal-affidabilità ta' din l-imħabba ta' Kristu tinsab fil-mewt tiegħu fuq is-salib għall-bnedmin, skont l-istess kelma ta' Ġesù waqt l-intimità tal-aħħar ikla li fiha l-Imgħallem sejjaħ lid-dixxipli tiegħu "ħbieb": "Ħadd ma għandu mħabba akbar minn din: li wieħed jagħti ħajtu għal ħbiebu" (Ġw 15: 13). F'dan id-dawl, ikompli l-Papa, "l-Evanġelisti qiegħdu fis-siegħa tas-Salib l-aqwa waqt tal-ħarsa tal-fidi, għaliex f'dik is-siegħa jiddi l-għoli u l-wisa' tal-imħabba ta' Alla. San Ġwann qegħedha hawn ix-xhieda solenni tiegħu, meta flimkien ma' Omm Ġesù, - 'Huma għad



iħarsu lejn min nifdu' (19: 37) – 'Dan qiegħed jixhdu min ra b'għajnejh, u x-xhieda tiegħu hija minnha. Hu jaf li qiegħed jgħid il-verità, biex intom ukoll temmnu' " (19, 35) (16).

Il-Papa jseddaq id-diskors tiegħu billi jkompli jistqarr: "Il-mewt ta' Kristu tikxef l-affidabilità sħiħa tal-imħabba ta' Alla fid-dawl tal-Qawmien tiegħu. Bħala Rxoxt, Kristu huwa xhud li tista' tafdah, li tistħoqqlu l-fidi, appoġġ sħiħ tal-fidi tagħna" (17). Dan jikkonfermah bi tliet referenzi bibliċi: waħda mit-talba ta' tifħir li biha San Ġwann jintroduċi l-Ktieb tal-Apokalissi, "Lil Dak li ħabbna, u li ħallna minn dnubietna bis-saħħa ta' demmu..." (1: 5); waħda mill-Ittra lil-Lhud, fejn l-awtur sagru jitkellem mill-inkarnazzjoni ta' Ġesù, li bis-saħħa tagħha l-Mulej verament seta' jifdi lill-bnedmin bil-mewt sagrifikali tiegħu u bil-qawmien, "Għalhekk kellu jkun jixbah lil ħutu f'kollox, biex ikun il-qassis il-kbir, ħanin u fidil f'dak li għandu x'jaqsam ma' Alla, u biex ipatti għal dnubiet il-poplu" (2: 17); u l-kelma ta' Pawlu li jseddaq il-fidi tal-Korintin fil-qawmien ta' Ġesù mill-imwiet, "Jekk Kristu ma kienx imqajjem, fiergħa hi l-fidi tagħkom" (1 Kor 15: 17). F'din l-imħabba tal-Missier li qajjem lil Ġesù mill-mewt hija mlaqqma l-fidi u l-ħajja ġdida ta' Pawlu u ta' kull nisrani: b'hekk ir-referenza tant sabiħa għal dak li Pawlu jikteb lill-Galatin: "Ngħix bil-fidi fl-Iben ta' Alla, li ħabbni u ta lilu nnifsu għalija" (Gal 2: 20). Għax "l-Insara jistqarru l-imħabba konkreta u setgħana ta' Alla, li jaħdem tabilħaqq fl-istorja u jsawrilha d-destin aħħari, imħabba li aħna nistgħu tabilħaqq niltaqgħu magħha, li dehret fil-milja tagħha fil-Passjoni, il-Mewt u l-Qawmien ta' Kristu" (17).

Il-milja li biha Ġesù jġib il-fidi għandha aspett ieħor deċisiv, għax fil-fidi mhux biss nemmnu fi Kristu imma huwa jsir dak li miegħu ningħaqdu biex inkunu nistgħu nemmnu. Il-Papa jistqarr b'mod tant sabiħ, kif diġà rajna fis-sommarju: "Il-fidi ma tħarisx biss lejn Ġesù, iżda tħares bil-mod kif jaħsibha Ġesù, tħares minn għajnejh: hi taqsam miegħu l-mod kif jara...nafdaw fih għax ifissrilna lil Alla" (18). Għalhekk issir referenza għall-għeluq tal-Prologu ta' Ġwanni 1: 18: "Lil Alla għadu ħadd ma rah; imma għarrafulna l-Iben il-waħdieni ta' Alla, li hu fi ħdan il-Missier". Hawnhekk il-Papa jitkellem minn San Ġwann li fil-Vanġelu bħal donnu fisser l-importanza tar-rabta personali ma' Ġesù għall-fidi tagħna permezz tal-użu varju tal-verb *emmen.* "Flimkien ma "nemmnu li" hu minnu dak li Ġesù jgħidilna (kif igħid lil Filippu f'14: 10 u kif jikkumenta l-Evanġelista lejn tmiem il-Vanġelu f'20: 31), Ġwanni jinqeda wkoll bil-frażi "nemmnu lil" Ġesù u "nemmnu f'"Ġesù meta nilqgħu l-kelma tiegħu, ix-xhieda tiegħu, għax hu jgħid is-sewwa ( - kif jgħid il-Mulej fil-bidu tad-Diskors fuq il-Ħobż tas-Sema f'6, 30: "L-opra ta' Alla hija din: li intom temmnu f'dak li huwa bagħat" - ). "Nemmnu f'"Ġesù

meta nilqgħuh personalment f'ħajjitna u nafdaw fih, ningħaqdu miegħu fl-imħabba u nimxu warajh matul it-triq ( - fl-istess Diskors fuq il-Ħobż tas-Sema f'6, 47: "Tassew tassew ngħidilkom, min jemmen għandu l-ħajja ta' dejjem" - ; il-Papa jagħmel ukoll referenza għal 2: 11 u 12: 44)".

## Is-salvazzjoni bil-fidi

Meta l-Papa jgħaddi biex jitkellem mis-salvazzjoni bil-fidi u jiddiskrivi l-eżistenza l-ġdida ta' min jemmen jinqeda b'disa' referenzi meħuda minn San Pawl (waħda minnhom b'referenza għal Dewt 30: 11-14), u waħda minn San Luqa. Fil-fatt, jirreferi għall-parabbola tal-iben il-ħali (Lq 15: 11-24) biex juri li "meta l-bniedem jaħseb li jekk jitbiegħed minn Alla jsib lilu nnifsu, l-eżistenza tiegħu tiġi fix-xejn" (19).

Il-fidi tagħmel minn dak li jemmen ħliqa ġdida; il-fidi tagħmel minna ulied fl-Iben, nidħlu fl-eżistenza filjali, tant li nistgħu nlissnu, bil-qawwa tal-Ispirtu li jgħammar fina, "Abba Missier!". Hawnhekk il-Papa jagħmel referenza għal dak id-diskors sabiħ li jagħmel Pawlu f'Rum 8 fejn jiddiskrivi l-ħajja tal-mifdijin mill-mewt u l-qawmien ta' Ġesu bħala ħajja ġdida fl-ispirtu: "Għax intom ma rċevejtux l-ispirtu li jwassalkom għall-jasar biex terġgħu taqgħu fil-biża', imma rċevejtu l-Ispirtu li jagħmel minnkom ulied adottivi; u li bih aħna nistgħu ngħajtu: Abba! Missier!" (8: 15). U bħalma jfakkar Pawlu f'1 Kor 4: 7, dan huwa biss don, "oriġinarju u radikali", ta' Alla: "X'għandek li ma ngħatalekx?" Fl-istess numru l-Papa jżid: "Is-salvazzjoni permezz tal-fidi tikkonsisti fil-għarfien tal-primat tad-don ta' Alla"; u jfakkar dak li jikteb Pawlu lill-Efesin, kelma mtennija matul l-Ittri kollha tal-Appostlu: "Intom salvi bil-grazzja, permezz tal-fidi; u dan mhux bis-saħħa tagħkom, imma b'don ta' Alla" (2: 8) (19).

Interessanti kif fin-numru 20 il-Papa jagħmel referenza għal Rumani 10: 6-7. Pawlu qed jipprova jifhem għaliex



niesu ma emmnux u jagħmel eseġeżi fuq Dewteronomju 30: 11-14; juri li s-salvazzjoni bil-fidi hija għal kulħadd, hija fidi li hija qrib tagħna u ddawwal l-eżistenza sħiħa tal-bniedem. "Kristu niżel fuq l-art u qam mill-imwiet; bl-Inkarnazzjoni u l-Qawmien tiegħu, l-Iben ta' Alla ħaddan il-mixja sħiħa tal-bniedem u jgħammar fi qlubna permezz tal-Ispirtu s-Santu. Il-fidi taf li Alla resaq ħafna qrib tagħna, li Kristu ngħatalna bħala don kbir li jbiddilna minn ġewwa, li jgħammar fina, u hekk jagħtina d-dawl li jdawwal il-bidu u t-tmiem tal-ħajja, il-mixja sħiħa tal-bniedem" (20).

Il-fidi ġġib differenza kbira fina. Għal darb'oħra l-Papa jfakkar il-kelma ta' Galatin 2: 20: bis-saħħa tat-twemmin nistgħu ngħidu, "Ngħix, imma mhux iżjed jiena, iżda jgħix fija Kristu". Dan jiġi mseddaq mill-kelma li Pawlu jikteb lill-Efesin meta jagħmel talba mqanqla għall-insara tiegħu: "Li Kristu jgħammar f'qalbkom permezz tal-fidi". Il-Papa jagħmel referenza għal dak li Pawlu jikteb lir-Rumani: bis-saħħa tal-fidi nimtlew bit-tama, "li ma tqarraqx bina, għax l-imħabba ta' Alla ssawbet fi qlubna permezz tal-Ispirtu s-Santu li kien mogħti lilna" (5: 5), u li bih nistgħu nistqarru, skont kif igħid l-Appostlu meta jitkellem mid-doni spiritwali, "Ġesù hu l-Mulej" (1 Kor 12: 3).

## Il-forma ekkleżjali tal-fidi

Il-Papa jagħlaq l-ewwel kapitlu tal-Enċiklika billi jfakkarna li l-eżistenza ta' min jemmen issir eżistenza ekkleżjali ħajja fil-Knisja. Jagħmel erba' referenzi għall-ittra lir-Rumani u tnejn għall-Ittra lill-Galatin. Ifakkar li kull min jemmen huwa magħqud fi Kristu u bis-saħħa ta' din l-għaqda jagħmel parti mill-ġisem tiegħu l-Knisja: "Kull wieħed minnkom iżomm ruħu ta' li hu skont il-qies tal-fidi li tah Alla. Bħalma aħna għandna ħafna membri f'ġisem wieħed, iżda mhux il-membri kollha għandhom l-istess xogħol, hekk aħna ġisem wieħed fi Kristu u kull wieħed minna membru tal-ieħor" (Rum 12: 3.4-5). Hekk kien kiteb Pawlu huwa u jispjega l-konsegwenzi prattiċi ta' min jemmen. Itenni dak li kien qal lill-Galatin f'2: 28 meta fakkarhom: "...għax intom ilkoll ħaġa waħda fi Kristu Ġesù".

Il-fidi għandha bilfors sura ekkleżjali, titwieled minn smigħ u hi ddestinata biex titlissen u tixxandar. Il-Papa jfakkar f'kliem Pawlu lir-Rumani 10: 10 u 10: 14: "Kif jistgħu jemmnu f'dak li ma semgħux bih? Kif jistgħu jisimgħu jekk ma nxandrulhomx?". B'Galatin 5: 6 il-Papa juri li l-fidi neċessarjament twassal għall-imħabba, kif tant insista Pawlu fl-ittra: "Għaliex fi Kristu Ġesù, biċ-ċirkonċiżjoni jew mingħajrha, xejn ma jkun jiswa ħlief biss il-fidi li taħdem permezz tal-imħabba". Għax "il-fidi mbagħad issir għemil fin-Nisrani...u tagħti sehem fil-mixja tal-Knisja, pellegrina fl-istorja lejn it-tmiem. Għal min inbidel b'dan il-mod, jinfetaħ mod ġdid kif jara, il-fidi ssir dawl għal għajnejh" (22).

*(Ikompli)*

## Referenzi


1 *Encyclical Letter LUMEN FIDEI of the Supreme Pontiff FRANCIS to the Bishops, Priests and Deacons, Consecrated Persons and the Lay Faithful on Faith*, in http://www.vatican.va/holy_father/francesco/encyclicals/documents/papa-francesco_2013; I*ttra Enċiklika LUMEN FIDEI tal-Papa Frangisku lill-Isqfijiet, il-Presbiteri u d-Djakni, lill-Persuni Kkonsagrati u lil-Lajċi Fidili kollha dwar il-Fidi*, Traduzzjoni Maltija ta' P. Edmund Theuma OFMConv, Reliġjon u Ħajja, ĊAK – Malta, 2013; Official Summary of *Lumen Fidei*, ZENIT – The World seen from Rome, in http://www.zenit.org/en/articles/official-summary-of-lumen-fidei.



# ĠUŻEPPI, IR-RAĠEL ĠUST TA' MARIJA TA' NAZARET

***Rev. Dr Martin Micallef ofm cap***

San Mattew jiftaħ l-Evanġelju tiegħu bil-ġeneoloġija ta' Ġesù, jiġifieri, bil-lista tal-antenati tiegħu (ara Mt 1,1-17). Immedjatament wara, dan l-istess Evanġelista jagħtina l-ewwel rakkont; dak tat-tnissil u tat-twelid ta' Ġesù (ara Mt 1,18-25). F'dan ir-rakkont tingħata importanza lil Ġużeppi, ir-raġel ta' Marija. B'hekk, Ġużeppi jsir wieħed mill-ewwel

personaġġi li l-Evanġelista San Mattew għażel li jinkludi fin-narrattiva tiegħu. Mhux biss, imma dan l-istess Evanġelista jintroduċi lir-raġel ta' Marija b'dan il-mod sabiħ: "Żewġha Ġużeppi, li kien raġel *ġust* …" (v.19).

Fit-test Grieg li bih inkiteb dan l-Evanġelju, il-kelma li bil-Malti ġiet tradotta bħala "ġust" hija *dikaios*. Jeżistu bosta opinjonijiet fost il-Biblisti dwar it-tifsira ta' dan l-aġġettiv f'dan il-kuntest li fih jissemma' Ġużeppi. Nistgħu ngħidu li mill-inqas hemm tliet possibilitajiet ta' x'jista jfisser l-aġġettiv "ġust" f'Mt 1,19.

L-ewwel, hemm dawk li jżommu li l-kelma 'ġust', hawnhekk, tfisser "xi ħadd ubbidjenti għall-ordnijiet/il-liġijiet tal-Mulej, persuna integra u ta' karattru."[1] It-tieni, hemm dawk li huma tal-fehma li l-kelma 'ġust' hawnhekk, tirreferi għal xi ħadd li għandu "qalbu tajba" u li "jħenn" (ara Mt 25,37-40; 10,41).[2] It-tielet, hemm dawk, imbagħad, li bil-kelma 'ġust', f'dan il-kuntest, jifhmu xi ħadd "tajjeb" (ara Salm 145,17).[3]

Ma nkunux żbaljati jekk ngħidu li dan huwa wieħed mill-aktar termini importanti fl-Evanġelju skont San Mattew. Biżżejjed jekk inħarsu lejn il-lista tal-Beatitudnijiet, fejn naqraw: "Henjin dawk li huma bil-ġuħ u l-għatx tal-*ġustizzja* [bil-Grieg: *dikaiosunen*], għax huma jkunu mxebbgħin" (Mt 5,6). Hekk ukoll, jekk inkomplu naqraw fid-Diskors tal-Muntanja f'Mt 5,45 insibu hekk: "għax hu jtalla' x-xemx tiegħu sew fuq il-ħżiena u sew fuq it-tajbin, u jniżżel ix-xita sew fuq min *hu ġust* [bil-Grieg: *dikaious*] u sew fuq min m'huwiex."[4]

Ġużeppi mhuwiex waħdu "ġust" fost il-personaġġi li jissemmew fir-rakkonti tat-twelid ta' Ġesù. San Luqa wkoll juża dan l-aġġettiv għal Żakkarija u Eliżabetta meta jgħidilna: "It-tnejn kienu nies *ġusti* [bil-Grieg: *dikaioi*] quddiem Alla" (Lq 1,6). Hekk ukoll naqraw fuq Xmun li kien "raġel *ġust* [bil-Grieg: *dikaios*] u tajjeb li kien jistenna l-faraġ ta' Iżrael" (Lq 2,25).

Bl-użu tal-kelma "ġust", applikata għal Ġużeppi, jidher li l-Evanġelista San Mattew ried fil-fatt jgħaqqad lir-raġel ta' Marija ma' serje ta' personaġġi "ġusti" li jissemmew fit-Testment il-Qadim. Dawn il-personaġġi jmorru lura għal Abel imsejjaħ "il-ġust" [bil-Grieg: *dikaiou*] f'Mt 23,35. Hekk ukoll bosta "nies ġusti" [bil-Grieg: *dikaioi*] oħra msemmija f'Mt 13,17, sakemm naslu għal Kristu Ġesù stess li f'Mt 27,19 wiret ukoll dan it-titlu ta' "ġust". Hekk issejjaħ lil Ġesù l-mara ta' Pilatu, meta fil-proċess kontra Ġesù, tgħid lil żewġha: "qis li ma jkollokx x'taqsam ma' dan ir-raġel *ġust* [bil-Grieg: *dikaio*] …" (27,19).

F'liema sens, mela, nistgħu nqisu lil Ġużeppi bħala raġel "ġust"? Sabiex nippruvaw inwieġbu għal din il-mistoqsija l-ewwel irridu nħarsu lejn il-mod kif jibda dan ir-rakkont li fih jissemma Ġużeppi għall-ewwel darba fl-Evanġelju skont San Mattew. Dan l-Evanġelista

jikteb hekk: "It-tnissil ta' Ġesù Kristu sar hekk, ommu Marija, wara li tgħarrset ma' Ġużeppi, qabel ma marru joqogħdu flimkien, saret omm bil-ħidma tal-Ispirtu s-Santu" (Mt 1,18).

Marija, mela, hija ppreżentata bħala xebba, imma xebba mgħarrsa ma' Ġużeppi li kellu jkun ir-raġel tagħha. F'dak iż-żmien, l-għerusija kienet titqies bħala l-punt fejn ir-raġel u l-mara huma daqslikieku diġà ta' xulxin. Tant hu hekk, li fit-tradizzjoni legali Lhudija ta' żmien Ġesù, l-għerusija kienet tant torbot, li biex din tinħall kien hemm bżonn iċ-ċertifikat tad-divorzju. Hekk ukoll il-mewt tar-raġel f'dan l-istadju kienet tqis lill-mara bħala armla, u l-mewt tal-mara f'dan l-istess stadju kienet tqis lir-raġel, armel.[5]

Fid-dawl ta' dan, mhijiex sorpriża 'l għala l-Evanġelista San Mattew isejjaħ lil Ġużeppi bħala "ir-raġel" [bil-Grieg: *aner*] ta' Marija, u lil Marija bħala "il-mara" [bil-Grieg: *yune*] ta' Ġużeppi (ara Mt 1,16.20-21). B'dan f'moħħna, nistgħu nifhmu kif Ġużeppi jidher bħala raġel "ġust" fil-mod kif huwa kien qed iħejji biex iwettaq dak li deherlu li kien l-aħjar li jagħmel meta nduna li Marija ħarġet tqila.

Bħala bniedem "ġust", Ġużeppi kien jaf li ma setgħax jaċċetta li jmur joqgħod ma' Marija meta din kien se jkollha tarbija li ma kinetx tiegħu. Din, fil-fatt, hija l-pożizzjoni ta' xi wħud mill-Missirijiet tal-Knisja meta jiġu biex jinterpretaw dak li Ġużeppi, ir-raġel 'ġust' kien qed jippjana li jagħmel b'Marija.[6]

Skont il-liġi, Marija kellha tiġi esposta quddiem kulħadd bħala mara adultera. Hija kellha tbati l-kastig, li f'dan il-każ, kien il-mewt permezz tat-tħaġġir (ara Dewt 22,20-21.23-24). Minkejja dan, iżda, jidher li l-Qrati Lhud f'dan il-perijodu ma kellhomx is-setgħa li jagħtu din il-piena kapitali.[7]






Ġużeppi ma ridtx ixandar lil Marija quddiem kulħadd, madanakollu l-anqas ma jidher li ried jiżżewweġ lil Marija, li f'għajnejh issa kienet ħatja ta' dnub serju. Huwa għalhekk għażel it-triq tad-divorzju.[8] Din tidher li hi t-tifsira tad-deċiżjoni li kien ħa Ġużeppi meta huwa "għamel il-ħsieb li jibgħatha bil-moħbi tan-nies" (Mt 1,19).

Huwa proprju hawnhekk fejn l-Evanġelista San Mattew jenfasizza l-fatt li Ġużeppi kien raġel "ġust" għaliex ried jiddivorzja lil Marija *privatament,* jiġifieri, mingħajr ma jitfa' l-ebda għajb fuqha fil-pubbliku. Dan l-att legali tad-divorzju, f'dan il-każ, kellu jsir quddiem żewġ xhieda, skont kif kienet titlob il-Liġi.[9]

Il-ħarsien tal-Liġi, mela, kien il-fattur ewlieni 'l għala l-Evanġelista San Mattew hawnhekk isejjaħ lil Ġużeppi bħala bniedem "ġust." Din l-interpretazzjoni tal-kelma

"ġust" f'dan il-kuntest hija msaħħa wkoll permezz ta' dak li naqraw fl-Evanġelju Apokrafu tat-Tieni Seklu, il-*Protovanġelju ta' Ġakbu*, fejn fin-n.14:1 naqraw: "Jekk naħbi d-dnub tagħha, jien inkun qed neħodha kontra l-Liġi tal-Mulej."[10]

Hemm iżda tradizzjoni oħra antika fil-Knisja li tmur lura għal Oriġene. Skont din it-tradizzjoni, Ġużeppi kien jaf li Marija kienet ħarġet tqila bil-ħidma tal-Ispirtu s-Santu qabel ma dan tħabbar lilu mill-anġlu. F'dan il-każ, Ġużeppi għażel li ma jieħux lil Marija b'martu għaliex beża' jersaq lejha minħabba li din kienet ġiet ikkonsagrata minn Alla.[11]

Din il-pożizzjoni tieħu ċertu qawwa permezz tal-vers 20 fejn l-anġlu jispjega lil Ġużeppi: "Xejn la tibża' tieħu għandek lil martek Marija, għax dak li tnissel fiha ġej mill-Ispirtu s-Santu." Ħafna iżda huma dawk il-Biblisti li ma jaqblux ma' din il-pożizzjoni.[12]

Meta nqisu dan kollu, nistgħu nibdew nifhmu kif Ġużeppi huwa msejjaħ "ġust" minħabba li hu ma ridtx jumilja lil Marija u jwassalha għal proċess legali b'kundanna ta' adulterju - u dan minħabba t-tjieba u l-ħniena li wera magħha. B'dan il-mod ukoll, Ġużeppi huwa muri lilna fil-linja ta' dak li diġà naqraw fis-Salm 112,4 li jgħaqqad flimkien "il-ġustizzja" mat-tjieba u l-ħniena. Hekk ukoll f'Salm 37,21 fejn naqraw li "il-ġust iħenn"; filwaqt li l-Ktieb tal-Għerf jiddikjara: "il-ġust għandu jkun tajjeb" (12,19).

Mela meta l-Evanġelista San Mattew isejjaħ lil Ġużeppi bniedem "ġust" jidher li huwa ried juri lir-raġel ta' Marija bħala



bniedem tajjeb, mimli ħniena u li jogħġob lil Alla fil-ħarsien tal-Liġi tiegħu. Fi kliem l-istess Evanġelista, persuni bħal dawn, jiġifieri, "il-ġusti jsiru jiddu bħax-xemx fis-Saltna ta' Missierhom" (Mt 13,43. Ara wkoll Mt 25,37.46).

## Referenzi


1 Ara M. Mullins, *The Gospel of Matthew,* Dublin 2007, 86. Ara wkoll, R. T. France, *The Gospel of Matthew* (= NICNT), Grand Rapids/MI 2007, 51.

2 Ara C. Spicq 'Joseph, son mari, étant juste …' (Mt., I, 19), in *Revue Biblique* 71 (1964) 206-214.

3 Ara B. M. Newman – P. C. Stine, *A Handbook on the Gospel of Matthew* (= UBS Handbook Series), New York 1988, 22.

4 San Mattew juża l-kelma *dikaois* "ġust" sbatax-il darba fl-Evanġelju tiegħu, u dan dejjem f'sens pożittiv. Fuq dan ara B. Przybylski, *Righteousness in Matthew and his World of Thought* (= SNTSMS 41), Cambridge 1980, 101-104.

5 Fuq dan il-punt ara, R. H. Gundry, *Matthew, A Commentary on His Handbook for a Mixed Church under Persecution,* Grand Rapids/MI ²1994, 21.

6 Fost il-Missirijiet tal-Knisja li jżommu din il-posizzjoni, insibu lil San Ġustinu, *Dial.* 78.3; Santu Wistin, *Ep. Ad Macedonium* (n. 153) 4.9 = *PL* 33.657; San Ġwann Grisostomu 4.4 = *PG* 57.44.

7 Fuq dan il-punt ara d-diskussjoni ta' C.S. Keener, *A Commentary on the Gospel of Matthew,* Grand Rapids/MI 1999, 93.

8 M. Bockmuehl, *Matthew 5.32; 19.9 in the Light of Pre-Rabbinic Halakah,* in *New Testament Studies* 35 (1989) 291-295, juri b'mod konvinċenti li f'każ ta' adulterju, id-divorzju ma kienx xi ħaġa li wieħed seta' jiddeċiedi fuqu. Minflok, f'dan il-każ, id-divorzju kien xi ħaġa mitluba u infurzata mil-liġi. Ara wkoll id-diskussjoni ta' J. Schaberg, *The Illegitimacy of Jesus. A Feminist Theological Interpretation of the Infancy Narrarives,* Sheffield 1995, 42-53.

9 Ara D. A. Hagner, *Matthew 1-13* (= WBC 33a), Dallas 1993, 18.

10 Ara *The Apocryphal New Testament. A Collection of Apocryphal Christian Literature in an English Translation based on M. R. James,* edited by J. K. Elliott, Oxford 1993, 62.

11 Din it-tradizzjoni tmur lura għal Oriġene frg. 18 = GCS Origenes 12.23. Ara wkoll Ewsebju ta' Ċesarija, *Quaest. Ad Steph.* 1.3 = *PG* 22.884; San Basilju *Sanct. Christi gener.* 4 = *PG* 31.146D. Illum ukoll xi Biblisti għadhom iżommu din il-posizzjoni. Ara, X. Léon-Dufour, *L'announce à Josef,* in *Études d'Évangile,* Paris 1965, 79-81. Għal aktar dettalji fuq l-istorja tal-interpretazzjoni ta' dan it-test, ara, F. Sottocornola, *Tradition and the Doubt of St. Joseph Concerning Mary's Virginity,* in *Marianum* 19 (1957) 127-141; ara wkoll, A. M. Sicari, *'Joseph iustus' (Matteo 1,19): La storia dell'interpretazione e le nuove prospettive,* in *Cahiers de Joséphologie* 19 (1971) 62-83.

12 Ara W. D. Davies – D. C. Allison, *A Critical and Exegetical Commentary on the Gospel According to Saint Matthew,* vol. 1 (= ICC), Edinburgh 1988, 203. Ara wkoll R. E. Brown, *The Birth of the Messiah. A Commentary on the Infancy Narratives in Matthew and Luke,* New York 1979, 126-127.



# TEL ARAD

***Pietro Kaswalder ofm***

*Terra Santa*, Nuova Serie, Anno VIII, 4 (Luglio-Agosto 2013) 56-61

L-għolja ta' Tel Arad (570 metri) tiddomina n-Negev ċentrali, fejn jintemmu l-Għoljiet tal-Lhudija. Fuq il-quċċata ta' din l-għolja hemm il-fdalijiet ta' żewġt ibliet, waħda li tmur lura għall-epoka tal-Bronż Antik (3200 q.K.) u l-oħra għall-perjodu Israelita (1000-586 q.K.). Ftit bogħod minnha tinsab il-belt Nabatea ta' Mampsis (Mamshit), li fiha tifkiriet Kristjani prezzjużi.

Fuq l-isfond, lejn il-Baħar il-Mejjet, wieħed jilmaħ il-bini modern u għoli tal-belt ta' Arad, ċentru magħruf għall-kura u l-konvalexxenza. Il-kumbinazzjoni tal-arja tad-deżert flimkien mal-kurrenti li jitilgħu mill-Baħar il-Mejjet hi ta' ġid kbir għas-saħħa. Madwar dan is-sit arkeoloġiku sal-lum għadhom jgħixu familji tal-bedwini tan-Negev, li baqgħu jgħixu stil ta' ħajja anċestrali b'adattamenti evidenti għaċ-ċiviltà moderna. Il-klima taż-żona ta' Arad ma tantx hi ħanina. Il-bard hu qawwi u s-sħana hi feroċi, u x-xita qatt ma tinżel biżżejjed. Fid-deżert ta' Arad huma ambjentati xi tradizzjonijiet tal-Eżodu. Fil-Ktieb tan-Numri (21,1-3) tissemma battalja li Mosè kellu kontra l-Kangħanej tan-Negev, bejn Horma u Arad. Fl-Iskrittura titfakkar ukoll invażjoni tal-Fargħun Shisaq fis-seklu 10 q.K. (1Slat 14,25-28). Fl-aħħarnett fit-territorju ta' Arad, flimkien mat-tribù ta' Ġuda (Mħallfin 1,16) kienu marru jgħixu wlied Obab, it-tieni isem ta' Ġetro, ħaten Mosè.

L-għolja tan-nofsinhar ta' Tel Arad ġiet skavata minn R. Amiran fis-snin 1962-1978. Is-sejbiet huma utli ħafna għall-istudji tal-preistorja tan-Negev. Fl-aħħar sekli tar-4 millennju q.K. hemmhekk kien hemm raħal ta' ħaddiema tal-minjieri li kienu jisfruttaw l-għerien naturali. Ir-raħal maż-żmien sar belt fortifikata li kellha wkoll bir, swar, bibien monumentali, bini pubbliku u santwarju. Dan iċ-ċentru kellu prosperità għal xi sekli minħabba t-tħaffir għall-metalli u ġawhar fin-Negev u fil-Wied tal-Għarabah (3200-2700 q.K.). Il-Fargħun Nar Mer (l-ewwel dinastija) rebaħha u qeridha biex ħakem it-teżori ta' din iż-żona. Dan l-intervent jista' jitqies bħala l-ewwel att ta' imperjaliżmu tal-Eġittu lejn ir-reġjun ta' Kangħan. Din ir-rebħa saret punt ta' riferiment biex wieħed jistabilixxi l-kronoloġija tal-istorja ta' Kangħan f'relazzjoni mad-dinastiji Eġizzjani. Is-sejbiet l-aktar importanti f'Arad huma l-palazz u t-tempju.

## Iċ-Ċittadella Israelitika

L-għolja tat-tramuntana ta' Tel Arad ġiet skavata minn Y. Aharoni fis-snin 1962-1967. L-iskavi u r-restawri komplew sal-ġurnata tal-lum. Ta' min isemmi li mhumiex ftit il-punti li huma inċerti u li xi teoriji u interpretazzjonijiet mhumiex sodisfaċenti.



Nittamaw li l-iskavi aktar reċenti jipproduċu riżultati li jippermettulna nibnu storja tas-sit arkeoloġiku aktar żgura, b'mod partikulari l-fażi tal-iżvilupp taż-żona sagra.

Lejn is-seklu 10 q.K. inbniet hawnhekk fortizza ta' 50 metru tul u wisgħa biex tipproteġi t-triq li kienet tgħaqqad Ħebron ma' Birsaba. L-importanza strateġika ta' Arad tidher kemm fis-sejba tal-arkivju ta' Eliashib, l-aħħar kmandant militari ta' Arad (586 q.K.), kif ukoll, f'epoka aktar reċenti, fil-preżenza ta' fortizza tal-*limes Palestinae* (limiti tal-Palestina), li kienet għadha funzjonanti sal-epoka Biżantina.

X'aktarx li fis-seklu 9 q.K. f'din il-fortizza nbena santwarju. Fil-kamp tal-arkeoloġija din is-sejba hi waħda mill-aktar interessanti li qatt saru f'Israel. Nirreferu għal reċint sagru (10 metri bi 12) maqsum fi tliet partijiet. Mix-xaqliba tal-lvant wieħed isib: il-bitħa esterna bl-altar tas-sagrifiċċji (2,5 metri kwadri), is-sala għal-leviti u n-niċċa (*debir*, jew *sancta sanctorum*), spazju riservat għad-divinità. Din in-niċċa, li għandha dimensjonijiet żgħar (1,20 metri kwadri) tinsab fil-għoli fuq tliet tarġiet u fiha żewġ altari żgħar għas-sagrifiċċji minuri, u fuq il-ħajt tal-punent, iserrħu miegħu, hemm żewġ plieri sagri (*mazzebot*). Xi oġġetti sagri nstabu f'din il-binja, fosthom platti għall-offerti, baċir bl-iskrizzjoni "sagru għas-saċerdoti", u l-iskrizzjonijiet tal-arkivju li jġegħluna naħsbu li hawn kien tempju Israelitiku li nqered fl-epoka tar-riforma ta' Ġosija (620 q.K.). Il-preżenza tal-plieri u taż-żewġ altari tippermettilna li noħorġu bl-ipotesi li hawn kien jeżisti kult li kien isir lil żewġ divinità, li kienu koppja, u li dik femminili fosthom kienet Axera. Dan il-kult ġie abbandunat fl-epoka tal-predikazzjoni profetika. It-tempju Israelitiku ta' Arad jipprova li r-reliġjon tal-poplu Israelitiku tal-qedem kienet bil-mod il-mod infatmet mill-kulti tal-Kangħanej biex tasal għall-adorazzjoni ta' Alla wieħed. Fost l-iskrizzjonijiet ta' Arad jissemmew il-familji saċerdotali ta' Meremoth, Pashur u Wlied Kore, li kienu awturi ta' xi Salmi.

## Mampsis tan-Nabatej

Xi 40 kilometru minn Bisraba, fuq it-triq li minn Dimona tniżżlek fil-Baħar il-Mejjet, tiltaqa' mal-belt Nabateja ta' Mampsis (Mamshit). Fl-akbar estensjoni tagħha din il-belt kellha perimetru li fih kienu jistgħu jgħixu madwar 1500 abitant. Il-belt tmur lura għall-1 seklu q.K., u hi fost l-aħħar bliet li kienu bnew in-Nabatej tan-Negev. Dan kien poplu ta' kummerċjanti u suldati kapaċi, li kellhom gosti artistiċi raffinati. In-Nabatej okkupaw id-deżert tan-Negev mir-4 seklu q.K. biex jifthu t-toroq ta' komunikazzjoni lejn il-





Mediterran. Huma kienu jitrasportaw il-merkanzija prezzjuża li kienu jġibu mill-Golf tal-Għarabah, mill-Indja u mill-Għarabja. Mampsis kienet kollegata mal-Wied tal-Għarabah u għaldaqstant mal-belt Nabatea ta' Petra fuq ix-xaqliba l-oħra, fil-Ġordanja tal-lum, permezz tat-Telgħa tal-Iskorpjuni.

Ix-xaqliba tan-nofsinhar ta' Mampsis hi protetta minn nixxiegħa profonda li ġiet imħaffra mix-xita. Permezz ta' kanalizzazzjoni kienu jiġbru l-ilma tax-xita u jisfruttawha għall-bżonnijiet tal-abitanti, għall-bhejjem u għall-agrikoltura. In-Nabatej kienu wkoll bdiewa esperti, kif juru l-fdalijiet ta' kultivazzjoni tas-siġar taż-żebbuġ, tar-rummien, ta' frott ieħor li jinstabu madwar il-belt.

Wara l-perjodu Ruman, mill-5 seklu w.K., il-popolazzjoni ta' Mampsis saret Kristjana u fuq it-tempji pagani ġew minbija l-bażiliċi Kristjani.

Il-belt ġiet esplorata aktar minn darba, imma l-iskavi saru regolarment mill-1965 minn A. Negev. L-akbar binjiet ġew imnaddfin, flimkien ma' żewġ bażiliċi Kristjani li huma mżejna bil-mużajċi. Il-palazzi ta' Mampsis huma eżempji mill-isbaħ tal-arkitettura Nabatea. Jinkludu fihom banjijiet pubbliċi, stalel u installazzjonijiet għall-produzzjoni taż-żejt taż-żebbuġ. Barra l-belt ġie mħares bini ta' kenn għall-karovani biex fih jistkennu l-iġmla.

Il-knisja fuq l-akropoli kienet iddedikata lil xi qaddisin martri, kif tgħid l-iskrizzjoni li tqiegħdet quddiem il-presbiterju. Il-bażilika hi kbira 15 metri b'27, għandha tliet navati bil-paviment mużajkat, u fix-xaqliba tan-nofsinhar għandha battisteru bit-turġien. Il-preżenza tal-bażi ta' pilastri żgħar tgħinna nifhmu li l-vaska battesimali kienet miksija minn ċiborju.

Il-knisja tax-xaqliba tal-punent hi iżgħar (10,5 metri bi 15) u għandha wkoll mużajċi b'iskrizzjonijiet. L-iskrizzjoni dedikatorja tgħid li min bena din il-knisja kien jismu Nilo, isem li kien komuni fil-Provinċja Għarabja u fil-Palestina Terza. Xi ismijiet oħrajn li jitfakkru huma Irenew u Żenobju. Il-ħitan tal-belt reġgħu inbnew f'estensjonijiet twal tagħhom u jmorru lura għal żmien Djoklezjanu (300 w.K.). Mit-tliet ċimiteri ta' Mampsis waslulna diversi iskrizzjonijiet funerarji Rumani u Biżantini. Fost in-nobbli huma mfakkra ċenturjun mil-*Legio III Cirenaica* u kavallier mill-*Cohors I Ausuta Tracum*.

**ĠEDDED L-ABBONAMENT TIEGĦEK**

# L-ART *Imqaddsa*

RIVISTA BIBLIKA

# TIĠDID L-ART IMQADDSA 2014




## ABBONAMENT:

€10 fis-sena

€15 jew aktar Sostenitur

TOĦROĠ KULL 3 XHUR

**Kummissarjat tal-Art Imqaddsa**
8, Triq Santa Luċija,
Valletta, VLT 1213
Malta
Tel: 2124 2254
E-mail: comalt@ofm.org.mt
www.ofm.org.mt

*Jekk irċevejt ir-Rivista b'xejn għaliex ġejt l-Art Imqaddsa mal-Franġiskani, ħallas l-abbonament biex tkompli tirċiviha.*

Kunjom ____________________

Isem ____________________

Indirizz ____________________

____________________

____________________

Kodiċi Postali

____________________

Qed nibgħat € ____
bħal abbonament għall-2014

# Fl-Art Imqaddsa mal-Franġiskani

## Pellegrinaġġi 2014

### Art Imqaddsa

19 Frar - 27 Frar
28 Mejju - 5 Ġunju
16 Lulju - 24 Lulju
6 Awwissu - 14 Awwissu
10 Settembru - 17 Settembru
24 Settembru - 2 Ottubru

### Art Imqaddsa u Ġordanja

24 Marzu - 3 April

### Art Imqaddsa u Sinaj

3 Novembru – 13 Novembru

**Ikteb jew ċempel:**
**Kummissarjat tal-Art Imqaddsa**
8, Triq Santa Luċija,
Valletta, VLT 1188
Malta
Tel: 2124 2254
E-mail: comalt@ofm.org.mt
www.ofm.org.mt